IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.11.2016
COM(2016) 852 final

2016/0362 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li temenda d-Direttiva 2014/59/UE dwar il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet tal-kreditu u ditti tal-investiment u li temenda d-Direttiva 98/26/KE, id-Direttiva 2002/47/KE, id-Direttiva 2012/30/UE, id-Direttiva 2011/35/UE, id-Direttiva 2005/56/KE, id-Direttiva 2004/25/KE, id-Direttiva 2007/36/KE**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2016) 377}
{SWD(2016) 378}

## MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Ir-raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

L-emendi proposti għad-Direttiva 2014/59/UE (id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek jew il-BRRD) huma parti minn pakkett leġiżlattiv li jinkludi wkoll emendi għar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta’ Kapital jew is-CRR), għad-Direttiva 2013/36/UE (id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta’ Kapital jew is-CRD) u għar-Regolament (UE) 806/2014 (ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta’ Riżoluzzjoni jew l-SRMR).

Tul l-aħħar snin l-UE implimentat riforma sostanzjali tal-qafas regolatorju tas-servizzi finanzjarji biex ittejjeb ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet finanzjarji fl-UE, fil-biċċa l-kbira bbażata fuq standards globali miftiehma mas-sħab internazzjonali tal-UE. B’mod partikolari, il-pakkett ta’ riforma inkluda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 (ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta’ Kapital jew is-CRR) u d-Direttiva 2013/36/UE (id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta’ Kapital, jew is-CRD), dwar rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet u s-superviżjoni tagħhom, id-Direttiva 2014/59/UE (id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek jew il-BRRD), dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet u r-Regolament (UE) Nru 806/2014 dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta’ Riżoluzzjoni (SRM).

Dawn il-miżuri ttieħdu b'reazzjoni għall-kriżi finanzjarja li seħħet fl-2007-2008. In-nuqqas ta’ oqfsa ta’ ġestjoni u riżoluzzjoni adegwati ta’ kriżijiet ġegħlu lill-gvernijiet mad-dinja kollha jsalvaw il-banek wara l-kriżi finanzjarja. L-impatt sussegwenti fuq il-finanzi pubbliċi kif ukoll l-inċentiv mhux mixtieq tas-soċjalizzazzjoni tal-ispejjeż tal-falliment tal-banek urew sew li huwa meħtieġ approċċ differenti biex ikunu ġestiti l-kriżijiet bankarji u tiġi mħarsa l-istabbiltà finanzjarja.

Fi ħdan l-Unjoni u f’konformità mal-passi sinifikattivi li ġew miftiehma u meħuda fil-livell internazzjonali, id-Direttiva 2014/59/UE (id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD))[1] u r-Regolament (UE) Nru 806/2014 (ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta’ Riżoluzzjoni (SRMR))[2] stabbilixxew qafas ta’ riżoluzzjoni bankarja robust biex ikunu ġestiti b’mod effettiv il-kriżijiet bankarji u jitnaqqas l-impatt negattiv tagħhom fuq l-istabbiltà finanzjarja u fuq il-finanzi pubbliċi. Punt ċentrali tal-qafas ta’ riżoluzzjoni l-ġdid huwa r-“rikapitalizzazzjoni interna” (“bail-in”) li tikkonsisti fil-valwazzjoni negattiva tad-dejn jew il-konverżjoni ta’ pretensjonijiet ta’ debitu jew ta’ obbligazzjonijiet oħra għal ekwità skont ġerarkija definita minn qabel. L-għodda tista’ tintuża biex tassorbi t-telf ta’, u tirrikapitalizza internament, istituzzjoni li tkun qed tfalli jew li x’aktarx ħa tfalli, sabiex terġa tiġi restawrata l-vijabbiltà tagħha. Għaldaqstant, l-azzjonisti u kredituri oħrajn ser ikollhom iġorru l-piż tal-falliment ta’ istituzzjoni minflok il-kontribwenti. B’kuntrast ma’ ġurisdizzjonijiet oħra, il-qafas tal-Unjoni għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kriżi bankarja diġà ta mandat lill-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni biex jistabbilixxu għal kull istituzzjoni ta’ kreditu

[1] Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu u ditti ta’ investiment, ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190.

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1

jew ditta ta' investiment ("istituzzjoni") rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL), li jikkonsistu f'obbligazzjonijiet "bail-inable" ħafna li għandhom jintużaw biex jassorbu t-telf u jirrikapitalizzaw l-istituzzjonijiet f'każ ta' fallimenti. Il-leġiżlazzjoni delegata dwar l-implimentazzjoni prattika ta' dan ir-rekwiżit ġiet adottata reċentement mill-Kummissjoni[3].

Fil-livell globali, il-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja (FSB) fid-9 ta' Novembru 2015 ippubblika d-Dokument dwar il-Kundizzjonijiet (Term Sheet) tal-Kapaċità Totali ta' Assorbiment tat-Telf (TLAC) ("l-istandard TLAC") li kien adottat ġimgħa wara fis-summit tal-G20 fit-Turkija[4]. L-istandard TLAC jirrikjedi lil banek sistemikament importanti globali (G-SIBs), imsejħa bħala istituzzjonijiet sistemikament importanti globali (G-SIIs) fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, li jkollhom ammont suffiċjenti ta' obbligazzjonijiet li jassorbu ħafna t-telf (bail-inable) biex ikun żgurat l-assorbiment mingħajr xkiel u rapidu ta' telf u rikapitalizzazzjoni f'riżoluzzjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-24 ta' Novembru 2015[5], il-Kummissjoni ntrabtet li tressaq proposta leġiżlattiva sal-aħħar ta' din is-sena sabiex l-istandard TLAC ikun jista' jiġi implimentat sal-iskadenza miftiehma tal-2019. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ntrabtet li tirrevedi r-regoli tal-MREL eżistenti bil-ħsieb li tipprovdi konsistenza sħiħa mal-istandard TLAC miftiehem internazzjonalment billi tqis is-sejbiet ta' rapport li l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) hija meħtieġa tipprovdi lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 45(19) tal-BRRD. Verżjoni interim ta' dak ir-rapport diġà ġiet ippubblikata mill-EBA fid-19 ta' Lulju 2016[6] u r-rapport finali huwa mistenni li jiġi ppreżentat matul Diċembru 2016.

Filwaqt li l-qafas tal-BRRD ġenerali jibqa' validu u tajjeb, l-objettiv ewlieni ta' din il-proposta huwa li jkun implimentat l-istandard TLAC u li r-rekwiżit tat-TLAC ikun integrat fir-regoli tal-MREL ġenerali billi tiġi evitata d-duplikazzjoni permezz tal-applikazzjoni ta' żewġ rekwiżiti paralleli. Għalkemm it-TLAC u l-MREL għandhom l-istess objettiv regolatorju, madankollu xorta waħda hemm xi differenzi bejniethom fil-mod kif inhuma mibnija. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-MREL ikopri mhux biss il-G-SIIs iżda l-industrija bankarja tal-Unjoni kollha kemm hi. B'differenza mill-istandard TLAC, li fih livell minimu armonizzat, il-livell ta' MREL huwa determinat mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni abbażi ta' valutazzjoni speċifika għall-istituzzjoni fuq bażi ta' każ b'każ. Finalment, ir-rekwiżit ta' TLAC minimu għandu jkun issodisfat fil-prinċipju bi strumenti ta' dejn subordinati, filwaqt li għall-finijiet ta' MREL, is-subordinazzjoni tal-istrumenti ta' dejn tista' tkun meħtieġa mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fuq bażi ta' każ b'każ safejn hi meħtieġa biex ikun żgurat li f'każ partikolari l-kredituri rikapitalizzati internament (bailed in) ma jkunux trattati agħar milli

[3] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450 tat-23 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji li għandhom x'jaqsmu ma' metodoloġija għall-iffissar tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, ĠU L 237, 3.9.2016, p. 1

[4] FSB, *Prinċipji dwar il-Kapaċità ta' Assorbiment tat-Telf u ta' Rikapitalizzazzjoni ta' Banek Sistemikament Importanti Globali (G-SIBs), f'Kapaċità Totali ta' assorbiment tat-Telf Totali (TLAC) ta' Riżoluzzjoni, Dokument dwar il-Kundizzjonijiet (Term sheet)*, 9.11.2015

[5] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "*Lejn it-tlestija tal-Unjoni Bankarja*", 24.11.2015, COM(2015) 587 finali.

[6] https://www.eba.europa.eu/documents/10180/1360107/EBA+Interim+report+on+MREL

f'xenarju ta' insolvenza ipotetitka (li huwa xenarju li huwa kontrafattwali għal riżoluzzjoni). Biex tikseb qafas sempliċi u trasparenti li jipprovdi ċertezza u konsistenza legali, il-Kummissjoni qed tipproponi li tintegra l-istandard TLAC fir-regoli MREL eżistenti u tiżgura li ż-żewġ rekwiżiti huma ssodisfati bi strumenti fil-biċċa l-kbira tagħhom simili. Dan l-approċċ jirrikjedi l-introduzzjoni ta' aġġustamenti limitati għar-regoli MREL eżistenti biex tkun żgurata konsistenza teknika mal-istruttura ta' kwalunkwe rekwiżit għal G-SIIs.

B'mod partikolari, emendi tekniċi adatti ulterjuri għar-regoli eżistenti dwar MREL huma meħtieġa biex jiġu allinjati mal-istandard TLAC fir-rigward *inter alia* tad-denominaturi użati għall-kejl ta' kapaċità li tassorbi t-telf, l-interazzjoni ma' rekwiżiti ta' bafer ta' kapital, żvelar ta' riskji lill-investituri u l-applikazzjoni tagħhom fir-rigward ta' strateġiji ta' riżoluzzjoni differenti. Filwaqt li jimplimenta l-istandard TLAC għall-G-SIIs, l-approċċ tal-Kummissjoni mhux ser jaffettwa materjalment il-piż tal-istituzzjonijiet li mhumiex G-SIIs biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet dwar MREL.

Operattivament, il-livell minimu armonizzat tal-istandard TLAC ser jiġi introdott fl-Unjoni permezz ta' emendi fir-Regolament u d-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR u CRD)[7] filwaqt li l-aġġuntiv speċifiku għal istituzzjoni għal G-SIIs u l-MREL speċifiku għal istituzzjoni għal non-G-SIIs ser ikun indirizzat permezz ta' emendi mmirati għall-BRRD u l-SRMR. Din il-proposta tkopri speċifikament l-emendi mmirati għall-BRRD relatati mal-implimentazzjoni tal-istandard TLAC fl-Unjoni. Bħala tali, din il-proposta hija parti minn pakkett ta' reviżjoni usa' tal-leġiżlazzjoni finanzjarja tal-Unjoni bil-għan li jitnaqqsu r-riskji fis-settur finanzjarju (reviżjoni CRR/CRD) u jiġi magħmul aktar reżiljenti.

Barra minn hekk, abbażi ta' fehmiet espressi minn bosta minn dawk li wieġbu għas-sejħa għal evidenza għal partijiet ikkonċernati ppubblikata f'Settembru 2015[8], din il-proposta temenda l-BRRD bil-ħsieb li jitħaffu l-ispejjeż ta' konformità tal-banek fejn l-obbligazzjonijiet tagħhom huma regolati mil-liġijiet ta' pajjiżi terzi. Ir-rekwiżit attwali rriżulta diffiċli biex fil-prattika jkun hemm konformità miegħu u b'hekk ikun hemm valur miżjud limitat għar-riżolvibbiltà tal-banek. Huwa għaldaqstant neċessarju li tkun introdotta aktar flessibbiltà fir-relazzjonijiet kuntrattwali tal-banek tal-Unjoni ma' entitajiet ta' pajjiżi terzi billi l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu ma jinsistux, soġġett għal ċerti salvagwardji stretti, fuq l-obbligu li jiddaħħlu klawżoli kuntrattwali bil-għan li f'pajjiżi terzi jiġu rikonoxxuti l-effetti tar-rikapitalizzazzjoni interna (bail-in) ta' obbligazzjonijiet irregolati mil-liġi ta' dawn il-pajjiżi terzi. Fil-prattika, ir-regoli attwali huma diffiċli ħafna biex jiġu infurzati.

---

7 Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1; Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338

8 http://ec.europa.eu/finance/consultations/2015/financial-regulatory-framework-review/docs/summary-of-responses_en.pdf, Summary of contributions to the "Call for Evidence" (Ġabra fil-qasir tal-kontribuzzjonijiet għas-"Sejħa għal Evidenza")

Barra minn hekk, fuq l-istedina tal-ECOFIN fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2016, din il-proposta temenda l-BRRD fir-rigward tal-applikazzjoni mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' għodda ta' moratorju tul ir-riżoluzzjoni, jiġifieri s-setgħat li jkunu sospiżi l-eżekuzzjonijiet ta' impenji bankarji lejn partijiet terzi. L-armonizzazzjoni tat-tali setgħat għandha tikkontribwixxi għall-istabbilizzazzjoni mill-awtoritajiet rilevanti ta' istituzzjoni fil-perjodu qabel, u possibbilment wara, ir-riżoluzzjoni.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

Il-qafas ta' riżoluzzjoni bankarja tal-Unjoni eżistenti diġà jirrikjedi li l-banek Ewropej kollha jkollhom ammont suffiċjenti ta' obbligazzjonijiet (bail-inable) li jassorbu ħafna t-telf. Permezz tal-allinjament tar-rekwiżit eżistenti għal G-SIIs mal-istandard TLAC globali, il-proposta ser ittejjeb u tiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli eżistenti. Il-proposta għaldaqstant hija konsistenti mal-objettiv ġenerali tal-qafas ta' riżoluzzjoni bankarja tal-Unjoni li jitnaqqas l-appoġġ lill-kontribwenti f'riżoluzzjoni bankarja.

- **Konsistenza ma' linji politiċi oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija parti minn reviżjoni usa' tal-leġiżlazzjoni finanzjarja tal-Unjoni (reviżjoni CRR/CRD) bil-għan li jitnaqqsu r-riskji fis-settur finanzjarju filwaqt li jkun promoss il-finanzjament sostenibbli tal-attività ekonomika. Hija kompletament konsistenti mal-għanijiet fundamentali tal-UE li tkun promossa l-istabbiltà finanzjarja, jitnaqqas l-appoġġ tal-kontribwenti f'riżoluzzjoni bankarja kif ukoll li jkun hemm kontribut għal finanzjament sostenibbli tal-ekonomija.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Id-Direttiva proposta temenda direttiva eżistenti, il-BRRD. Il-bażi legali għall-proposta hija l-istess bħall-bażi legali tal-BRRD, li l-Artikolu 114 tat-TFUE. Dik id-dispożizzjoni tippermetti l-adozzjoni ta' miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li għandhom bħala s-suġġett tagħhom l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern.

Il-proposta tarmonizza l-liġijiet nazzjonali dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet tal-kreditu u ditti tal-investiment, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità tagħhom ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni f'riżoluzzjoni, sal-punt meħtieġ biex ikun żgurat li l-Istati Membri u l-banek tal-Unjoni jkollhom l-istess għodda u kapaċità biex jindirizzaw nuqqasijiet f'konformità mal-istandards internazzjonali miftiehma (standard TLAC).

Bl-istabbiliment ta' rekwiżiti armonizzati għall-banek fis-Suq Intern, il-proposta tnaqqas konsiderevolment ir-riskju ta' regoli nazzjonali diverġenti fl-Istati Membri dwar il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni f'riżoluzzjoni, li jista' jfixkel il-kompetizzjoni fis-suq intern. Il-proposta għandha, għalhekk, bħala l-għan tagħha l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern.

Għaldaqstant, l-Artikolu 114 tat-TFUE huwa l-bażi legali adatta.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5.3 tat-TFUE, f'oqsma li ma jaqgħux fil-kompetenza esklussiva tagħha, l-Unjoni għandha taġixxi biss jekk u sa fejn l-objettivi tal-azzjoni proposta ma jkunux jistgħu jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, la fil-livell ċentrali u lanqas fil-livell reġjonali u lokali, iżda jkunu jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni.

L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jimplimentaw standards internazzjonali. Fin-nuqqas ta' azzjoni mill-Unjoni, l-Istati Membri kien ikollhom bżonn jimplimentaw huma stess l-istandard TLAC globali fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom stess mingħajr il-possibbiltà li jiġi emendat il-qafas eżistenti li jirriżultaw mill-BRRD u l-SRMR. B'riżultat ta' dan, minħabba differenzi importanti bejn l-istandard TLAC u l-qafas eżistenti kif ukoll interpretazzjonijiet diverġenti possibbli tad-dokument dwar il-kundizzjonijiet (term sheet) tat-TLAC mir-regolaturi nazzjonali, il-banek, b'mod partikolari G-SIIs, kienu jkunu soġġetti għal żewġ rekwiżiti paralleli (bir-rekwiżit minimu tat-TLAC innifsu jiġi applikat b'mod differenti bejn Stat Membri wieħed għal ieħor), li jkun jimplika spejjeż addizzjonali kemm għall-banek kif ukoll għall-awtoritajiet pubbliċi (awtoritajiet ta' superviżjoni u ta' riżoluzzjoni). Għaldaqstant, azzjoni mill-unjoni hija mixtieqa biex l-istandard TLAC globali jkun implimentat b'mod armonizzat fl-Unjoni u biex il-qafas eżistenti jkun allinjat ma' dak l-istandard sabiex jitħaffew kemm jista' jkun l-ispejjeż ta' konformità tal-banek u l-awtoritajiet pubbliċi filwaqt li tkun żgurata riżoluzzjoni effettiva fil-każ ta' fallimenti bankarji.

- **Proporzjonalità**

Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni ma għandhomx jaqbżu dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tagħha, b'mod konsistenti mal-objettivi ġenerali tat-Trattati.

Waqt l-implimentazzjoni tat-TLAC għal G-SIIs globali, il-proposta mhux ser taffettwa materjalment il-piż tal-banek li jikkonformaw mar-regoli eżistenti dwar il-kapaċità ta' assorbiment ta' telf u ta' rikapitalizzazzjoni peress li l-proposta ma testendix l-applikazzjoni tal-livell minimu tat-TLAC lil hinn mill-G-SIIs. Barra minn hekk, il-proposta tillimita sew l-ispejjeż tal-banek, b'mod partikolari l-G-SIIs, għal konformità mal-istandard TLAC billi sa fejn hu possibbli r-regoli eżistenti jiġu allinjati ma' dak l-istandard. Finalment, il-proposta ma testendix l-applikazzjoni tal-livell minimu ta' TLAC lil hinn mill-G-SIIs. Bil-kontra, għan-non-GSIIs, il-proposta żżomm il-prinċipju ġenerali eżistenti li l-kwalità u l-livell tar-rekwiżit dwar l-assorbiment tat-telf u r-rikapitalizzazzjoni għandhom jitfasslu minn awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għal kull bank speċifiku abbażi tar-riskju, id-daqs, l-interkonnessjonalità tiegħu u l-istrateġija għar-riżoluzzjoni magħżula. Fir-rigward ta' G-SIIs li huma soġġetti għal-livell minimu ta' TLAC, qabel ma jkun rikjest kwalunkwe aġġuntiv speċifiku għal istituzzjoni, il-proposta titlob li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jivvalutaw jekk tali aġġuntiv hux neċessarju, proporzjonat u ġustifikat. Id-dispożizzjonijiet tal-proposta huma, għaldaqstant, proporzjonati ma' dak li huwa neċessarju biex jintlaħqu l-objettivi tagħha.

## 3. RIŻULTATI TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

### Valutazzjoni tal-impatt

Bħala parti minn pakkett ta' reviżjoni usa' tal-leġiżlazzjoni finanzjarja tal-Unjoni bil-għan li jitnaqqsu r-riskji fis-settur finanzjarju (reviżjoni CRR/CRD), il-proposta kienet soġġetta għal

valutazzjoni tal-impatt estensiva. L-abbozz ta' rapport ta' valutazzjoni tal-impatt kien ippreżentat fis-7 ta' Settembru 2016 lill-Bord ta' Skrutinju Regolatorju tal-Kummissjoni[9]. Il-Bord ħareġ opinjoni negattiva fi [data]. Wara li saħħaħ il-bażi ta' evidenza għal ċerti elementi tal-pakkett ta' reviżjoni, il-Bord ħareġ opinjoni pożittiva fis-27 ta' Settembru 2016.

B'konformità mal-politika tagħha ta' "Regolamentazzjoni Aħjar", il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt ta' diversi alternattivi ta' politika. L-opzjonijiet ta' politika ġew ivvalutati meta mqabbla mal-objettivi ewlenin tat-titjib tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni tal-banek f'riżoluzzjoni u ċ-ċertezza legali u l-koerenza tal-qafas ta' riżoluzzjoni. Il-valutazzjoni twettqet billi ġiet ikkunsidrata l-effettività tal-ilħuq tal-objettivi msemmija hawn fuq u l-kosteffiċjenza fl-implimentazzjoni ta' opzjonijiet ta' politika differenti.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istandard TLAC fl-Unjoni, it-tliet opzjonijiet ta' politika ġew ikkunsidrati fil-valutazzjoni tal-impatt. Taħt l-ewwel opzjoni, il-BRRD tkompli tapplika fil-forma attwali tagħha. Taħt it-tieni opzjoni, l-istandard TLAC għal G-SIIs ikun integrat fil-qafas ta' riżoluzzjoni eżistenti, filwaqt li dak il-qafas jiġi emendat skont il-każ biex tkun żgurata kompatibbiltà sħiħa mal-istandard TLAC. It-tielet opzjoni ta' politika proponiet li jkun estiż, addizzjonalment, il-kamp ta' applikazzjoni tal-livell minimu ta' TLAC għal istituzzjonijiet sistemikament importanti oħra fl-Unjoni (O-SIIs) minbarra G-SIIs. Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li t-tieni opzjoni ta' politika tikseb bl-aħjar mod l-objettivi politiċi rilevanti. B'mod partikolari, bil-kontra tal-ewwel opzjoni, tipprovdi implimentazzjoni armonizzata tal-istandard TLAC għall-G-SIIs tal-Unjoni kollha billi tnaqqas l-ispejjeż tagħhom għall-konformità ma' potenzjalment żewġ rekwiżiti differenti (l-istandard TLAC u l-BRRD eżistenti) filwaqt li tkun prevista interpretazzjoni konsistenti tad-dokument dwar il-kundizzjonijiet (term sheet) tat-TLAC fl-UE. Din l-opzjoni żżid ir-riżolvabbiltà ta' G-SIIs fl-Unjoni u tipprevjeni effetti ta' kontaġju li jirriżultaw minn parteċipazzjoni inkroċjata ta' G-SIIs permezz ta' regoli speċifiċi tal-istandard TLAC li mhumiex attwalment provduti fil-BRRD (jiġifieri livell ta' TLAC minimu fil-forma ta' strumenti tad-dejn subordinat, tnaqqis ta' parteċipazzjoni inkroċjata ta' strumenti eliġibbli ta' TLAC miżmuma minn G-SIIs). Din l-opzjoni ser tiżgura li l-istandard TLAC ikun implimentat fl-Unjoni, li jirrinforza l-aspettattiva fuq ġurisdizzjonijiet oħra biex jagħmlu l-istess bil-ħsieb li jsaħħu r-riżolvabbiltà ta' G-SIBs mad-dinja kollha. Minn naħa l-oħra, din l-opzjoni ta' politika hija preferibbli mit-tielet opzjoni peress li ma jkollhiex l-iżvantaġġ li testendi l-livell ta' TLAC minimu għal banek minbarra G-SIIs (O-SIIs), fir-rigward ta' liema dak il-livell ta' rekwiżit ta' TLAC minimu jista' ma jidhirx kalibrat sew bil-ħsieb tad-diversità kbira tagħhom f'termini ta'daqs, mudell ta' negozju, interkonnessjonalità u importanza sistemika.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt uriet li l-konformità mal-Artikolu 55 tal-BRRD, li jeħtieġ rikonoxximent kuntrattwali ta' rikapitalizzazzjoni interna (bail-in) f'kuntratti soġġetti għal-liġi ta' pajjiż terz tqajjem żewġ tipi ta' diffikultajiet. L-ewwel, ċerti kontrapartijiet ta' pajjiżi terzi jirrifjutaw li jinkludu klawżola kuntrattwali li tirrikonoxxi setgħa ta' rikapitalizzazzjoni interna (bail-in) mill-Unjoni f'kuntratti finanzjarji konklużi ma' banek tal-Unjoni. F'xi każijiet dan iġiegħel lill-banek tal-Unjoni biex assolutament ma jidħlux f'kuntratt sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 55 tal-BRRD. F'każijiet estremi dan jista' jfisser li ċertu porzjon min-negozju tagħhom ikollu jitwaqqaf (eż. finanzjament tal-kummerċ). It-tieni, anki fejn kontrapartijiet ta' pajjiż terz jkunu lesti jaċċettaw klawżoli relatati ta' rikapitalizzazzjoni interna (bail-in) fil-kuntratti tagħhom mal-banek tal-Unjoni, is-superviżuri lokali jistgħu, f'xi każijiet, ma jippermettux dan. F'dan il-każ, l-uniku mod għall-banek biex jikkonformaw mal-Artikolu 55 tal-BRRD ikun li jew jiksru r-regoli imposti mis-superviżur lokali jew iħallu l-

9 [Link għall-Valutazzjoni tal-Impatt u s-sommarju tagħha]

parti rilevanti tan-negozju tagħhom. Biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, kien meqjus li jeħtieġ li tiġi emendata din ir-regola. L-opzjoni ta' politika magħżula tipprevedi l-possibbiltà li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jirrinunzjaw ir-rekwiżit sakemm dan ma jaffettwax materjalment il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni tal-banek in kwistjoni.

Fir-rigward tas-setgħa li jkunu sospiżi l-obbligi ta' ħlas (moratorju) l-importanza tat-tali għodda speċjalment fil-fażi li twassal għal riżoluzzjoni kienet sottolinjata fil-valutazzjoni tal-impatt. Moratorju jippermetti l-iffriżar tal-fluss ta' ħlasijiet għal perjodu ta' żmien qasir, li jiffaċilita l-kwantifikazzjoni tal-assi disponibbli u tal-obbligazzjonjiet. Għodda bħal din hija utli ħafna kemm f'kuntest ta' qabel ir-riżoluzzjoni (u aktar speċifikament fil-kuntest ta' intervent bikri) u matul riżoluzzjoni. Il-Valutazzjoni tal-Impatt analizzat ukoll il-vantaġġi potenzjali ta' armonizzazzjoni ulterjuri tal-għodod disponibbli. F'dan il-kuntest tissottolinja li, filwaqt li l-BRRD diġà fiha dispożizzjonijiet li jippermettu s-sospensjoni ta' obbligi ta' ħlas, dawn ġew implimentati b'mod differenti ħafna fil-livell nazzjonali u jistgħu ma jipprovdux applikazzjoni konsistenti biżżejjed fir-rigward ta' elementi importanti bħall-kamp ta' applikazzjoni, il-fażi tal-applikazzjoni, il-kundizzjonijiet li jagħtu bidu u t-tul tas-sospensjoni. Fuq din il-bażi, huwa propost li jiġu introdotti żewġ għodod ta' moratorju addizzjonali għal attivazzjoni fil-fażi ta' intervent bikri u ta' riżoluzzjoni, rispettivament. Il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' bidu tal-moratorju, kif ukoll it-tul u l-ambitu tal-applikazzjoni huma ddeterminati b'mod preċiż biex tkun żgurata implimentazzjoni konsistenti fil-livell nazzjonali.

**Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta tikkonforma mad-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-drittijiet għal proprjetà u l-libertà li jsir negozju, u għandha tiġi applikata skont dawk id-drittijiet u l-prinċipji. B'mod partikolari, din id-Direttiva tiżgura li l-interferenza fid-drittijiet ta' proprjetà ta' kredituri bankarji ma għandhiex tkun sproporzjonata. Il-kredituri affettwati ma għandhomx iġarrbu telf akbar minn dak li kienu jġarrbu kieku l-istituzzjoni kienet ġiet stralċjata taħt proċedimenti ta' insolvenza normali fil-ħin li tittieħed id-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit tal-Unjoni.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

**Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar**

Il-proposta tirrikjedi lill-Istati Membri jittrasponu l-emendi għall-BRRD fil-liġijiet nazzjonali tagħhom fi żmien tnax-il xahar mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva emendata u tirrikjedi li l-banek jikkonformaw mar-regoli emendati fi żmien sitt xhur mid-data tat-traspożizzjoni tal-proposta. Il-banek ser jintalbu jirrappurtaw il-livelli tal-istrumenti eliġibbli tagħhom lill-awtoritajiet rilevanti fuq bażi regolari. L-EBA jeħtieġ tirrapporta lill-Kummissjoni darbtejn fis-sena mid-data ta' traspożizzjoni dwar il-mod kif ir-regoli dwar il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni għal-banek ikunu implimentati u applikati mal-Unjoni kollha.

**Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Kif spjegat hawn fuq, l-emendi għas-CRR, li huma parti mill-istess pakkett leġiżlattiv ser jinkludu r-regoli dwar ir-rekwiżit minimu ta' TLAC għal G-SIIs filwaqt li din il-proposta tittratta mal-aġġuntiv speċifiku għal istituzzjoni għal G-SIIs u r-rekwiżiti ġenerali applikabbli

għall-banek tal-Unjoni kollha. Din il-proposta tintroduċi numru ta' emendi mmirati għall-BRRD eżistenti.

Emendi għall-Artikoli 2, 12 u 13 tal-BRRD.

L-istandard TLAC u l-BRRD jirrikonoxxu kemm strateġiji ta' riżoluzzjoni b'Punt ta' Dħul Uniku (SPE, Single Point of Entry) kif ukoll dawk b'Punti Multipli ta' Dħul (MPE, Multiple Point of Entry). Skont l-istrateġija SPE, entità ta' grupp wieħed biss (issoltu l-entità prinċipali) hija riżolta filwaqt li entitajiet ta' grupp oħra (issoltu sussidjarji operattivi) ma jitqiegħdux f'riżoluzzjoni, iżda jgħaddu t-telf tagħhom lill-entità li għandha tiġi riżolta. Taħt l-istrateġija tal-MPE, aktar minn entità waħda tista' tiġi riżolta. Identifikazzjoni ċara tal-entitajiet li għandhom jiġu riżolti ("entitajiet ta' riżoluzzjoni") u sussidjarji tagħhom ("gruppi ta' riżoluzzjoni") hija importanti biex l-istrateġija ta' riżoluzzjoni mixtieqa tkun applikata b'mod effettiv. Barra minn hekk, din l-identifikazzjoni hija rilevanti wkoll għad-determinazzjoni tal-livell ta' applikazzjoni tar-regoli dwar il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf li d-ditti finanzjarji għandhom jikkonformaw magħhom. Għal din ir-raġuni, l-emendi għall-Artikolu 2 tal-BRRD jintroduċu l-kunċetti ta' "entità ta' riżoluzzjoni" u "grupp ta' riżoluzzjoni". L-emendi għall-Artikoli 12 u 13 dwar ippjanar ta' riżoluzzjoni ta' grupp espliċitament jirrikjedu li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jidentifikaw l-entitajiet ta' riżoluzzjoni u l-gruppi ta' riżoluzzjoni fi ħdan grupp finanzjarju u jikkunsidraw sew l-implikazzjonijiet ta' kwalunkwe azzjoni ta' riżoluzzjoni pjanata fi ħdan il-grupp biex jiżguraw riżoluzzjoni ta' grupp effettiva.

Emendi għall-Artikolu 45 tal-BRRD.

L-Artikolu 45 jitħassar u huwa sostitwit bid-dispożizzjonijiet ġodda li ġejjin: L-Artikoli 45, 45a, 45b, 45c, 45d, 45e, 45f, 45g, 45h, 45i u 45k.

Attwalment, il-MREL speċifiku għal istituzzjoni huwa mkejjel bħala perċentwal tal-obbligazzjonijiet totali tal-istituzzjoni. L-Artikolu 45 emendat jallinja l-matriċi tal-kejl tal-MREL ma' dawk tar-rekwiżit minimu għall-G-SIIs kif previst fl-istandard TLAC ("ir-rekwiżit minimu ta' TLAC"). L-MREL speċifiku għal istituzzjoni għandu, għaldaqstant, ikun espress bħala perċentwal tal-ammont ta' esponiment għar-riskju totali u tal-kejl tal-esponiment tal-proporzjon ta' ingranaġġ tal-istituzzjoni rilevanti.

L-Artikolu 45a jżomm l-eżenzjoni eżistenti mill-MREL għal istituzzjonijiet ta' kreditu ipotekarju bil-kundizzjoni li l-insolvenza nazzjonali jew proċeduri simili jippermettu assorbiment tat-telf effettiv mill-kredituri li tikseb l-objettivi ta' riżoluzzjoni. Huwa jiċċara wkoll li l-istituzzjonijiet li huma eżentati mill-MREL ma għandhomx ikunu parti mir-rekwiżit konsolidat ġenerali fil-livell tal-grupp ta' riżoluzzjoni.

L-Artikolu 45b jispeċifika l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-istrumenti u l-elementi li jistgħu jkunu validi biex jiġi rispettat l-MREL billi jallinjahom mill-qrib mal-kriterji ta' eliġibbiltà provduti fl-istandard TLAC għar-rekwiżit minimu ta' TLAC. Dawn il-kriterji għaldaqstant huma identiċi bl-eċċezzjoni ta' dan li ġej.

Fir-rigward tal-ambitu tal-istrumenti koperti, ċerti strumenti ta' dejn b'karatteristiċi marbuta ma' derivattivi, bħal noti strutturati huma eliġibbli biex jiksbu l-MREL peress li jistgħu jkunu suffiċjentement assorbenti tat-telf f'riżoluzzjoni. Noti strutturati huma obbligazzjonijiet ta'

dejn b'komponent ta' derivattiv inkorporat. Ir-redditu tagħhom huwa aġġustat għall-prestazzjoni ta' assi ta' referenza bħal ekwità unika, indiċi ta' ekwità, fondi, rati tal-interessi, komoditajiet jew valuti. L-Artikolu 45b jiċċara li n-noti strutturati huma eliġibbli għall-MREL sal-punt li għandhom ammont prinċipali fiss li jista' jitħallas lura mal-maturità filwaqt li ritorn addizzjonali biss huwa marbut ma' derivattiv u jiddependi fuq il-prestazzjoni ta' assi ta' referenza. Ir-razzjonal għal dan huwa li l-ammont prinċipali fiss huwa magħruf minn qabel fil-mument tal-ħruġ, il-valur tiegħu huwa stabbli tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tan-nota strutturata u jista' faċilment jiġi rikapitalizzat internament (bailed-in) f'riżoluzzjoni.

Taħt l-istandard TLAC, ir-rekwiżit minimu ta' TLAC għandu jiġi ssodisfat fil-biċċa l-kbira bl-użu ta' strumenti ta' dejn subordinati li jikklassifikaw f'insolvenza taħt obbligazzjonijiet anzjani espliċitament esklużi mir-rekwiżit ta' TLAC minimu, bħal depożiti koperti, derivattivi, obbligazzjonijiet ta' taxxa jew obbligazzjonijiet oħra relatati mal-liġi pubblika. Biex jissodisfaw MREL speċifiku għal istituzzjoni, is-subordinazzjoni ta' strumenti ta' dejn eliġibbli attwalment tista' tkun meħtieġa mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fuq bażi ta' każ b'każ. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-Artikolu 45b jispeċifikaw ulterjorment li s-subordinazzjoni tista' tkun meħtieġa sal-punt li jkun meħtieġ biex tiffaċilita l-applikazzjoni tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna (bail-in), b'mod partikolari meta jkun hemm indikazzjonijiet ċari li kredituri b'rikapitalizzazzjoni interna (bailed-in) x'aktarx li jkollhom jerfgħu t-telf f'riżoluzzjoni li jkun jaqbeż it-telf potenzjali tagħhom f'insolvenza u sal-punt biss meħtieġ biex ikun kopert il-porzjon tat-telf 'il fuq minn telf ta' insolvenza probabbli. Kwalunkwe subordinazzjoni mitluba mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għall-MREL speċifika għal istituzzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jkun parzjalment issodisfat ir-rekwiżit minimu ta' TLAC bi strumenti ta' dejn non-subordinat f'konformità mar-Regolamnt (UE) Nru 575/2013 u f'konformità mal-istandard ta' TLAC.

L-Artikolu 45c jispeċifika l-kundizzjonijiet għad-determinazzjoni tal-MREL għall-entitajiet kollha. L-MREL għandu jippermetti lill-banek jassorbu telf mistenni f'riżoluzzjoni u li jirrikapitalizzaw il-post-riżoluzzjoni tal-bank. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jiġġustifikaw b'mod debitu l-livell tal-MREL impost abbażi tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula. Bħala tali, dak il-livell ma għandux jaqbeż is-somma tal-ammont tat-telf mistenni f'riżoluzzjoni li jikkorrispondi mar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-istituzzjonijiet u l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermetti l-post-riżoluzzjoni tal-entità tissodisfa r-rekwiżiti ta' fondi proprji meħtieġa biex tkun awtorizzata twettaq l-attivitajiet tagħha stess taħt l-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula. L-MREL għandu jkun espress bħala perċentwal tal-miżuri tal-esponiment għar-riskju totali u tal-proporzjon ta' ingranaġġ, u l-istituzzjonijiet għandhom simultanjament jissodisfaw il-livelli li jirriżultaw miż-żewġ kejlijiet.

Fir-rigward ta' G-SIIs, l-Artikolu 45d jispeċifika li aġġuntiv speċifiku għal istituzzjoni għal-livell minimu ta' TLAC kif provdut fl-istandard TLAC jista' jiġi impost biss fejn dak il-minimu mhux biżżejjed biex jassorbi t-telf u jirrikapitalizza G-SII taħt l-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula.

Bħal fil-proposta li temenda s-CRD, din il-proposta tintroduċi fl-Artikolu 45e l-kunċett ta' "gwida" fil-BRRD. Dan jippermetti lil awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li jirrikjedu li l-istituzzjonijiet jissodisfaw livelli ogħla ta' MREL filwaqt li jindirizzaw b'mod aktar flessibbli kwalunkwe ksur ta' dawk il-livelli, b'mod partikolari billi jiġu allevjati l-effetti awtomatiċi ta' ksur tali fil-forma ta' limitazzjonijiet għall-Ammonti Distribwibbli Massimi (MDAs, Maximum Distributable Amounts). B'mod partikolari, l-Artikolu 45e jippermetti lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li jirrikjedu li l-istituzzjonijiet jissodisfaw ammonti addizzjonali

biex ikun kopert telf f'riżoluzzjoni li huwa ogħla minn dak mistenni taħt xenarju ta' riżoluzzjoni standard (jiġifieri 'l fuq mil-livell tar-rekwiżiti ta' fondi proprji eżistenti) u tkun żgurata fiduċja suffiċjenti fis-suq fil-post-riżoluzzjoni tal-entità (jiġifieri 'l fuq mill-ammont ta' rikapitalizzazzjoni meħtieġ). L-Artikolu 45e jispeċifika, minkejja dan, li għall-parti tal-assorbiment tat-telf tar-rekwiżit, il-livell tal-gwida ma għandux jaqbeż il-livell tal-"gwida tal-kapital" meta t-tali gwida tkun mitluba mill-awtoritajiet superviżorji taħt ittestjar tal-istress superviżorju biex jagħmel tajjeb għat-telf 'l fuq mir-rekwiżiti normali. Għall-parti tar-rikapitalizzazzjoni, il-livell tal-gwida biex tkun żgurata l-fiduċja fis-suq għandu jippermetti lill-istituzzjonijiet biex wara r-riżoluzzjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni tagħhom għal perjodu ta' żmien adatt. Dan il-bafer ta' fiduċja fis-suq ma għandux jaqbeż ir-rekwiżit ta' bafer kombinat taħt id-Direttiva 2013/36/UE diment li livell ogħla ma jkunx neċessarju biex ikun żgurat li, wara l-avveniment ta' riżoluzzjoni, l-entità tkompli tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tagħha għal perjodu adatt.

L-Artikoli 45f u 45g għandhom x'jaqsmu mal-livell ta' applikazzjoni tal-MREL. Fir-rigward ta' istituzzjonijiet li jikkwalifikaw bħala entitajiet ta' riżoluzzjoni, l-MREL japplika għalihom fil-livell ta' grupp ta' riżoluzzjoni konsolidata biss. Dan ifisser li entitajiet ta' riżoluzzjoni ser ikunu obbligati joħorġu strumenti (ta' dejn) eliġibbli lil kredituri ta' parti terzi esterni li jkunu rikapitalizzati internament (bailed-in) jekk l-entità ta' riżoluzzjoni (jiġifieri l-grupp ta' riżoluzzjoni) iddaħħal riżoluzzjoni. Fir-rigward ta' entitajiet oħrajn tal-grupp, il-proposta tintroduċi l-kunċett ta' MREL "intern" f'konformità ma' kunċett simili mressaq mill-istandard TLAC. Dan ifisser li entitajiet ta' grupp ta' riżoluzzjoni oħrajn li huma nfushom mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni għandhom joħorġu strumenti (ta' dejn) eliġibbli internament fi ħdan il-grupp ta' riżoluzzjoni, jiġifieri tali strumenti għandhom jinxtraw minn entitajiet ta' riżoluzzjoni. Fil-każ fejn entità ta' grupp ta' riżoluzzjoni li hija nnifisha mhix entità ta' riżoluzzjoni tasal fil-punt ta' non-vijabbiltà, it-tali strumenti huma s-suġġett ta' valwazzjoni negattiva jew konvertiti f'ekwità u t-telf ta' dik l-entità mbagħad jiġu mgħoddija 'l fuq lill-entità ta' riżoluzzjoni. Il-vantaġġ prinċipali tal-MREL intern huwa li jippermetti r-rikapitalizzazzjoni ta' entità ta' grupp ta' riżoluzzjoni (b'funzjonijiet kritiċi) mingħajr ma titqiegħed f'riżoluzzjoni formali, li jista' potenzjalment ikollha effetti li jfixklu s-suq. L-applikazzjoni ta' dan ir-rekwiżit għandha xorta waħda tkun konformi mal-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula, b'mod partikolari ma għandhiex tbiddel ir-relazzjoni ta' appartenenza bejn l-entità u l-grupp ta' riżoluzzjoni tagħha wara r-rikapitalizzazzjoni tagħha. Il-proposta tispeċifika wkoll li, taħt ċerti salvagwardji, l-MREL intern jista' jiġi sostitwit b'garanziji kollateralizzati bejn l-entità ta' riżoluzzjoni u entitajiet ta' grupp ta' riżoluzzjoni oħra li jistgħu jingħataw bidu taħt il-kundizzjonijiet ta' ħin ekwivalenti bħall-istrumenti eliġibbli għall-MREL intern. Is-salvagwardji proposti jinkludu, b'mod partikolari, il-ftehim tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rilevanti li jissostitwixxu l-MREL intern u l-kollateralizzazzjoni tal-garanzija mogħtija mill-entità ta' riżoluzzjoni lis-sussidjarja tagħha b'kollateral likwidu ħafna b'riskju minimali ta' kreditu u tas-suq. Il-proposta żżomm ukoll il-possibbiltà eżistenti offruta lil awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' sussidjarji ta' entità ta' riżoluzzjoni li jirrinunzjaw kompletament l-MREL applikabbli għal dawk is-sussidjarji jekk kemm l-entità ta' riżoluzzjoni kif ukoll is-sussidjarji tagħha jkunu stabbiliti fl-istess Stat Membru.

L-Artikolu 45h jipprevedi proċedura biex ikun determinat l-MREL għal grupp ta' riżoluzzjoni. L-awtoritajiet responsabbli għall-istabbiliment tal-livell tar-rekwiżit huma l-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-entità ta' riżoluzzjoni, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-livell ta' grupp (awtorità ta' riżoluzzjoni tal-awtorità prinċipali aħħarija) u awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' entitajiet ta' grupp ta' riżoluzzjoni oħra. Kwalunkwe tilwim bejn l-awtoritajiet huwa soġġett għas-setgħat tal-EBA taħt ir-Regolament EBA.

Emendi għall-Artikoli 17, 18 u l-Artikolu 45k.

Dawn l-emendi għandhom x'jaqsmu mal-ksur tal-MREL. L-Artikolu 45k jelenka s-setgħat disponibbli għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fil-każ ta' ksur tal-MREL. Peress li ksur tal-MREL jista' jikkostitwixxi impediment għar-riżolvibbiltà tal-istituzzjoni jew il-grupp, l-Artikoli 17 u 18 iqassru l-proċedura eżistenti biex jitneħħew impedimenti għar-riżolvibbiltà biex ikun indirizzat mingħajr dewmien kull ksur tal-MREL. Huwa jintroduċi wkoll setgħat ġodda għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni biex jirrikjedu modifiki fil-profili ta' maturità ta' strumenti eliġibbli u pjanijiet minn istituzzjonijiet biex jiġi restawrat il-livell tal-MREL.

Emendi għall-Artikolu 55

Emendi għall-Artikolu 55 BRRD jkunu jinvolvu applikazzjoni tar-rekwiżit provdut f'dak l-Artikolu mill-awtorità ta' riżoluzzjoni b'mod proporzjonat. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' teskludi l-obbligu li l-istituzzjonijiet jinkludu klawżoli ta' rikonoxximent ta' rikapitalizzazzjoni interna (bail-in) fi ftehimiet jew strumenti regolati mil-liġijiet ta' pajjiż terz permezz ta' rinunzja jekk tiddetermina li dan ma jkunx ifixkel ir-riżolvibbiltà tal-bank, u li huwa legalment, kuntrattwalment jew ekonomikament imprattikabbli għall-banek li jinkludu l-klawżoli ta' rikonoxximent ta' rikapitalizzazzjoni interna (bail-in) għal ċerti obbligazzjonijiet. F'dawn il-każijiet, dawk l-obbligazzjonijiet ma għandhomx jgħoddu għall-MREL u għandhom jikklassifikaw 'il fuq minn obbligazzjonijiet eliġibbli għall-MREL biex ikun minimizzat ir-riskju li jinkiser il-prinċipju ta' Ebda Kreditur ma Jmur Agħar (NCWO, No-Creditor-Worse-Off). F'dan ir-rigward, il-proposta mhux ser iddgħajjef ir-rikapitalizzazzjoni interna (bail-in).

Emendi għall-Artikolu 59 u 60

Emendi għall-Artikolu 59 u 60 jiżguraw li strumenti eliġibbli għall-MREL intern minbarra strumenti kapitali (strumenti ta' dejn) jistgħu wkoll ikunu s-suġġett ta' valwazzjoni negattiva jew konvertiti f'ekwità fejn l-entità ta' grupp ta' riżoluzzjoni li hija nnifisha mhix entità ta' riżoluzzjoni li toħroġhom tilħaq il-punt ta' non-vijabbiltà.

Emendi għall-Artikolu 27, l-Artikolu 29a ġdid u emendi għall-Artikolu 63 dwar moratorju

L-emenda għall-Artikolu 27 tipprevedi għodda ta' moratorju ġdida li għandha tintuża fil-fażi ta' pre-reżoluzzjoni, u speċifikament bħala setgħa ta' intervent bikri.

L-Artikolu 29a miżjud ġdid jiddeskrivi l-kundizzjonijiet għal applikazzjoni tal-moratorju ta' intervent bikri. Id-dispożizzjoni tindika li tali setgħa tista' tiġi attivata meta tkun meħtieġa biex jiġi ddeterminat jekk miżuri ta' intervent bikri humiex neċessarji jew jekk l-istituzzjoni hux qed tfalli jew hijiex probabbli li tfalli. Din tispeċifika l-ambitu tas-setgħa ta' sospensjoni u t-tul tiegħu - li ma jistax jaqbeż il-ħamest ijiem ta' ħidma.

L-emenda għall-Artikolu 63 tintroduċi fost is-setgħat ta' riżoluzzjoni ġenerali s-setgħa li jiġu sospiżi l-ħlasijiet meta dan ikun meħtieġ għall-applikazzjoni effettiva ta' għodda ta' riżoluzzjoni waħda jew aktar jew għall-finijiet tal-valwazzjoni skont l-Artikolu 36. Din

tispeċifika l-ambitu tas-setgħa ta' sospensjoni u t-tul tiegħu, li ma jistax jaqbeż il-ħamest ijiem ta' ħidma.

Dispożizzjonijiet oħrajn

Bosta emendi huma proposti biex ikunu żgurati rappurtar superviżorju u żvelar pubbliku tar-rekwiżit adatti.

Bosta emendi jirrigwardaw l-arkitettura regolatorja u t-teħid ta' deċiżjonijiet fl-applikazzjoni tar-rekwiżit għal istituzzjonijiet ta' pajjiż terz stabbiliti fl-Unjoni. Emendi oħra jġibu ċerti kjarifiki fir-rigward tat-trattament taħt il-BRRD u leġiżlazzjoni tal-Unjoni oħra ta' kontrapartijiet ċentrali (CCPs, central counterparties) wara l-adozzjoni ta' proposta għal qafas speċifiku ta' rkupru u riżoluzzjoni għal CCPs, bħat-trattament ta' CCPs b'liċenzja bankarja. Ġew proposti emendi mmirati għad-Direttivi tal-Liġijiet dwar il-Kumpaniji rilevanti biex tkun żgurata riżoluzzjoni effettiva tas-CCPs.

L-Istati Membri huma meħtieġa jittrasponu din il-proposta fil-liġijiet nazzjonali tagħhom fi żmien tnax-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha. L-istituzzjonijiet ikkonċernati huma meħtieġa jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet il-ġodda fi żmien sitt xhur mid-data tat-traspożizzjoni. L-EBA jeħtieġ tirrapporta lill-Kummissjoni darbtejn fis-sena dwar il-mod kif ir-rekwiżiti huma implimentati u applikati mal-Unjoni kollha.

2016/0362 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2014/59/UE dwar il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet tal-kreditu u ditti tal-investiment u li temenda d-Direttiva 98/26/KE, id-Direttiva 2002/47/KE, id-Direttiva 2012/30/UE, id-Direttiva 2011/35/UE, id-Direttiva 2005/56/KE, id-Direttiva 2004/25/KE, id-Direttiva 2007/36/KE**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz ta' att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew[10]

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[11],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja (FSB) ippubblika d-Dokument dwar il-Kundizzjonijiet (Term Sheet) tal-Kapaċità Totali ta' Assorbiment tat-Telf (TLAC) ("Standard TLAC") fid-9 ta' Novembru 2015, li kien approvat mill-G-20 f'Novembru 2015. L-istandard TLAC jirrikjedi lil banek sistemikament importanti globali ("G-SIBs"), imsejħa bħala istituzzjonijiet sistemikament importanti globali ("G-SIIs") fil-qafas tal-Unjoni, li jkollhom ammont minimu suffiċjenti ta' obbligazzjonijiet li jassorbu ħafna t-telf (bailin-able) biex ikun żgurat l-assorbiment mingħajr xkiel u rapidu ta' telf u rikapitalizzazzjoni f'riżoluzzjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-24 ta' Novembru 2015[12], il-Kummissjoni ntrabtet li tressaq proposta leġiżlattiva sa tmiem l-2016 li tkun tagħmilha possibbli li l-istandard TLAC jiġi implimentat sal-iskadenza miftiehma internazzjonalment tal-2019.

(2) L-implimentazzjoni tal-istandard TLAC fl-Unjoni jeħtieġ tqis ir-rekwiżit minimu speċifiku għal istituzzjoni eżistenti għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditta tal-investiment tal-Unjoni kollha kif imniżżel fid-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-

---

[10] ĠU C , , p. .

[11] ĠU C , , p. .

[12] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Lejn it-tlestija tal-Unjoni Bankarja", 24.11.2015, COM(2015) 587 finali

Kunsill[13]. Peress li t-TLAC u l-MREL għandhom l-istess objettiv li jiżguraw li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkollhom kapaċità ta' assorbiment tat-telf suffiċjenti, huwa meħtieġ li ż-żewġ rekwiżiti ikunu elementi kumplimentarji ta' qafas komuni. Operattivament, huwa meħtieġ li l-livell minimu armonizzat tal-istandard TLAC għal G-SIIs ("rekwiżit minimu ta' TLAC") jiġi introdott fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni permezz ta' emendi għar-Regolament (UE) Nru 575/2013[14], filwaqt li huwa meħtieġ li l-aġġuntiv speċifiku għal istituzzjoni għal G-SIIs u r-rekwiżit speċifiku għal istituzzjoni għal non-G-SIIs, imsejjaħ bħala rekwiżit minimu għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, jiġi indirizzat permezz ta' emendi mmirati għad-Direttiva 2014/59/UE u r-Regolament (UE) Nru 806/2014[15]. Huwa meħtieġ li d-dipożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet jiġu applikati flimkien ma' dawk fil-biċċiet ta' leġiżlazzjoni msemmija qabel u fid-Direttiva 2013/36/UE[16] b'mod konsistenti.

(3) In-nuqqas ta' regoli tal-Unjoni armonizzati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istandard TLAC fl-Unjoni joħloq spejjeż addizzjonali u inċertezza legali għall-istituzzjonijiet u jrendi l-applikazzjoni tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna (bail-in) għal istituzzjonijiet transkonfini aktar diffiċċli. Dak in-nuqqas ta' regoli tal-Unjoni armonizzati jirriżulta wkoll f'distorsjonijiet kompetittivi fis-suq intern minħabba li l-ispejjeż biex l-istituzzjonijiet jikkonformaw mar-rekwiżiti eżistenti u l-istandard TLAC jistgħu jkunu konsiderevolment differenti mal-Unjoni kollha. Jeħtieġ għalhekk li jitneħħew dawk l-ostakli għall-funzjonament tas-suq intern u li jkunu evitati distorstjonijiet tal-kompetizzjoni li jirriżultaw min-nuqqas ta' regoli tal-Unjoni armonizzati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istandard TLAC. Konsegwentement, il-bażi legali adatta għal din id-Direttiva huwa l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif interpretat f'konformità mal-ġurisprudenza konsistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(4) F'konformità mal-istandard TLAC, huwa meħtieġ li d-Direttiva 2014/59/UE tkompli tirrikonoxxi l-istrateġija ta' riżoluzzjoni kemm tal-Punt ta' Dħul Uniku (SPE) kif ukoll tal-Punti Multipli ta' Dħul (MPE). Taħt l-istrateġija SPE, entità ta' grupp wieħed biss, issoltu l-intrapriża prinċipali, hija riżolta filwaqt li entitajiet ta' grupp oħra, issoltu sussidjarji operattivi, ma jitqiegħdux f'riżoluzzjoni, iżda jgħaddu t-telf u l-ħtiġijiet ta' rikapitalizzazzjoni tagħhom lill-entità li għandha tiġi riżolta. Taħt l-istrateġija MPE, aktar minn entità ta' grupp waħda tista' tiġi riżolta. Identifikazzjoni ċara tal-entitajiet li għandhom jiġu riżolti ("entitajiet ta' riżoluzzjoni") u sussidjarji tagħhom ("gruppi ta' riżoluzzjoni") hija importanti biex l-istrateġija ta' riżoluzzjoni mixtieqa tkun applikata b'mod effettiv. Dik l-identifikazzjoni hija rilevanti wkoll għad-determinazzjoni tal-

[13] Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment, ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190.

[14] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1

[15] Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1

[16] Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338

livell ta’ applikazzjoni tar-regoli dwar il-kapaċità tal-assorbiment tat-telf u ta’ rikapitalizzazzjoni li huwa meħtieġ li d-ditti finanzjarji japplikaw. Jeħtieġ, għalhekk, li jiġu introdotti l-kunċetti ta’ “entità ta’ riżoluzzjoni” u ta’ “grupp ta’ riżoluzzjoni” u li tiġi emendata d-Direttiva 2014/59/UE dwar ippjanar ta’ riżoluzzjoni ta’ grupp biex l-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni jkunu espliċitament mitluba jidentifikaw l-entitajiet ta’ riżoluzzjoni u l-gruppi ta’ riżoluzzjoni fi ħdan grupp u jikkunsidraw l-implikazzjonijiet ta’ kwalunkwe azzjoni ta’ riżoluzzjoni pjanata fi ħdan il-grupp kif suppost biex tkun żgurata riżoluzzjoni ta’ grupp effettiva.

(5) Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-istituzzjonijiet ikollhom kapaċità suffiċjenti ta’ assorbiment tat-telf u ta’ rikapitalizzazzjoni biex ikun żgurat assorbiment mingħajr xkiel u rapidu ta’ telf u rikapitalizzazzjoni f’riżoluzzjoni b’impatt minimu fuq l-istabbiltà finanzjarja u fuq il-kontribwenti. Huwa meħtieġ li dan jinkiseb permezz ta’ konformità mill-istituzzjonijiet ma’ rekwiżit minimu speċifiku għal istituzzjoni għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (“MREL”) kif stabbilit fid-Direttiva 2014/59/UE.

(6) Biex id-denominaturi li jkejlu l-kapaċità ta’ assorbiment tat-telf u ta’ rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet jiġu allinjati ma’ dawk provduti fl-istandard TLAC, huwa meħtieġ li l-MREL ikun espress bħala perċentwal tal-ammont ta’ esponiment għar-riskju totali u tal-miżura ta’ esponiment tal-proporzjon ta' ingranaġġ tal-istituzzjoni rilevanti.

(7) Huwa meħtieġ li l-kriterji ta' eliġibbiltà għal obbligazzjonijiet bail-inable għall-MREL ikunu allinjati mill-qrib ma’ dawk imniżżla fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 għar-rekwiżit minimu tat-TLAC, f’konformità mal-aġġustamenti u r-rekwiżiti kumplimentarji introdotti f’din id-Direttiva. B’mod partikolari, huwa meħtieġ li ċerti strumenti ta' dejn b’komponent derivattiv inkorporat, bħal ċerti noti strutturati, ikunu eliġibbli biex jissodisfaw l-MREL sal-punt li għandhom ammont prinċipali fiss li jista’ jitħallas lura mal-maturità filwaqt li ritorn addizzjonali biss huwa marbut ma’ derivattiv u jiddependi fuq il-prestazzjoni ta’ assi ta’ referenza. Fid-dawl tal-ammont prinċipali fiss tagħhom, huwa meħtieġ li dawk l-istrumenti jkunu jassorbu ħafna t-telf u jkunu faċilment bail-inable f’riżoluzzjoni.

(8) L-ambitu tal-obbligazzjonijiet biex jiġi ssodisfat l-MREL jinkludi, fil-prinċipju, l-obbligazzjonijiet kollha li jirriżultaw minn pretensjonijiet li jirriżultaw minn kredituri mhux preferuti mhux assigurati (obbligazzjonijiet non-subordinati) diment li ma jissodisfawx kriterji ta' eliġibbiltà speċifiċi provduti f’din id-Direttiva. Biex tittejjeb ir-riżolvibbiltà tal-istituzzjonijiet permezz tal-użu effettiv tal-għodda għar-rikapitalizzazzjoni interna, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni jkunu jistgħu jirrikjedu li l-MREL ikun issodisfat b’obbligazzjonijiet subordinati, b’mod partikolari meta jkun hemm indikazzjonijiet ċari li krendituri b’rikapitalizzazzjoni interna x’aktarx li jerfgħu t-telf f’riżoluzzjoni li jkun jaqbeż it-telf potenzjali tagħhom f’insolvenza. Huwa meħtieġ lu r-rekwiżit li l-MREL ikun issodisfat b’obbligazzjonijiet subordinati jintalab biss għal livell neċessarju biex ikun evitat li t-telf ta’ krendituri f’riżoluzzjoni jkun ’il fuq minn telf li kieku inkella jkollhom isofru taħt insolvenza. Huwa meħtieġ li kwalunkwe subordinazzjoni ta’ strumenti ta’ dejn mitluba mill-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni għall-MREL tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jkun parzjalment issodisfat ir-rekwiżit minimu ta’ TLAC bi strumenti ta’ dejn non-subordinat f’konformità mar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif permess mill-istandard TLAC.

(9) Huwa meħtieġ li l-MREL jippermetti lill-istituzzjonijiet jassorbu t-telf mistenni f'riżoluzzjoni u g]andu jirrikapitalizza l-istituzzjoni wara r-riżoluzzjoni. Huwa meħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, abbażi tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula minnhom, jiġġustifikaw debitament il-livell impost tal-MREL b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa u l-livell tar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE fl-ammont ta' rikapitalizzazzjoni. Bħala tali, huwa meħtieħ li dak il-livell jkun magħmul mis-somma tal-ammont ta' telf mistenni f'riżoluzzjoni li jikkorrispondi mar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-istituzzjoni u l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermetti l-post-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni biex tissodisfa r-rekwiżiti ta' fondi proprji meħtieġa biex tkun awtorizzata twettaq l-attivitajiet tagħha stess taħt l-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula. Huwa meħtieġ li l-MREL jkun espress bħala perċentwal tal-miżuri tal-esponiment għar-riskju totali u tal-proporzjon ta' ingranaġġ, u li l-istituzzjonijiet simultanjament jissodisfaw il-livelli li jirriżultaw miż-żewġ kejlijiet. Huwa meħtieġ li jkun possibbli li l-awtorità ta' riżoluzzjoni taġġusta l-ammonti ta' rikapitalizzazzjoni f'każijiet ġustifikati kif dovut sabiex jiġu riflessi wkoll b'mod adegwat riskji akbar li jaffettwaw ir-riżolvibbiltà li toħroġ mill-mudell ta' negozju, il-profil ta' finanzjament u l-profil ta' riskju globali tal-grupp ta' riżoluzzjoni, u li għalhekk f'tali ċirkostanzi limitati jkunu jirrekjedu li jiġu eċċeduti l-ammonti ta' rikapitalizzazzjoni li ssir referenza għalihom fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 45c(3) u (4).

(10) Biex itejbu r-riżolvibbiltà tagħhom, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom ikunu jistgħu jimponu MREL speċifiku għal istituzzjoni fuq G-SIIs flimkien mar-rekwiżit minimu ta' TLAC stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 575/2013. Dak l-MREL speċifiku għal istituzzjoni jista' jiġi impost biss fejn ir-rekwiżit minimu ta' TLAC ma jkunx suffiċjenti biex jassorbi t-telf u jirrikapitalizza G-SII taħt l-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula.

(11) Meta jiġi stabbilit il-livell ta' MREL, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jikkunsidraw il-grad ta' relevanza sistemika ta' istituzzjoni u l-impatt potenzjali negattiv tal-falliment tagħha fuq l-istabbiltà finanzjarja. Huwa meħtieġ li jieħdu f'kunsiderazzjoni l-ħtieġa ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn G-SIIs u istituzzjonijiet oħra paragunabbli b'relevanza sistemika fi ħdan l-Unjoni. Għalhekk huwa meħtieġ li l-MREL ta' istituzzjonijiet li ma humiex identifikati bħala G-SIIs iżda li r-relevanza sistemika tagħhom fi ħdan l-Unjoni tkun paragunabbli mar-relevanza sistemika ta' G-SIIs ma tvarjax b'mod sproporzjonat mil-livell u l-għamla ta' MREL li tkun ġeneralment iffissata għal G-SIIs.

(12) Bl-istess mod bħal setgħat mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti mid-Direttiva 2013/36/UE, huwa meħtieġ li din id-Direttia tippermetti lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li jirrikjedu li l-istituzzjonijiet jissodisfaw livelli ogħla ta' MREL filwaqt li jindirizzaw b'mod aktar flessibbli kwalunkwe ksur ta' dawk il-livelli, b'mod partikolari billi jiġu allevjati l-effetti awtomatiċi ta' dak il-ksur fil-forma ta' limitazzjonijiet għall-Ammonti Distribwibbli Massimi (MDAs). L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom ikunu jistgħu jagħtu gwida lill-istituzzjonijiet biex jissodisfaw ammonti addizzjonali biex ikun kopert telf f'riżoluzzjoni li huwa 'l fuq mil-livell tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kif imniżżel fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36/UE, u/jew biex tkun żgurata fiduċja suffiċjenti fis-suq fl-istituzzjoni post-riżoluzzjoni. Biex tkun żgurata konsistenza mad-Direttiva 2013/36/UE, gwida biex ikun kopert telf addizzjonali tista' tingħata biss fejn il-"gwida tal-kapital" intalbet mill-awtoritajiet superviżorji kompetenti skont id-Direttiva 2013/36/UE u ma għandhiex taqbeż il-livell mitlub f'dik il-gwida. Għall-ammont ta' rikapitalizzazzjoni,

huwa meħtieġ li l-livell mitlub fil-gwida biex tkun żgurata l-fiduċja fis-suq jippermetti lill-istituzzjoni tkompli biex tissodisfa l-kundizzjonijiet għal awtorizzazzjoni għal perjodu ta' żmien adatt, inkluż billi l-istituzzjoni titħalla tkopri l-ispejjeż relatati mar-ristrutturar tal-attivitajiet tagħha wara riżoluzzjoni. Huwa meħtieġ li l-bafer ta' fiduċja fis-suq ma jaqbiżx ir-rekwiżit ta' bafer ta' kapital kombinat taħt id-Direttiva 2013/36/UE diment li livell ogħla ma jkunx neċessarju biex ikun żgurat li, wara l-avveniment ta' riżoluzzjoni, l-entità tkompli tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tagħha għal perjodu ta' żmien adatt. Fejn entità konsistentement tonqos milli jkollha fondi proprji addizzjonali u obbligazzjonijiet eliġibbli kif mistenni skont il-gwida, huwa meħtieġ li jkun possibbli għall-awtorità ta' riżoluzzjoni li titlob li l-ammont tal-MREL jiżdied biex ikopri l-ammont tal-gwida. Għall-finijiet ta' kunsiderazzjoni ta' jekk ikunx hemm falliment konsistenti, huwa meħtieġ li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tieħu f'kunsiderazzjoni r-rappurtar tal-entità dwar il-MREL kif mitlub minn din id-Direttiva.

(13) F'konformità mar-Regolament Nru 575/2013, huwa meħtieġ li l-istituzzjonijiet li jikkwalifikaw bħala entitajiet ta' riżoluzzjoni jkunu soġġetti biss għall-MREL fil-livell ta' grupp ta' riżoluzzjoni konsolidat. Dan ifisser li huwa meħtieġ li l-entitajiet ta' riżoluzzjoni jkunu obbligati joħorġu strumenti u elementi eliġibbli biex ikun issodisfat l-MREL lil krendituri ta' parti terzi esterni li jkunu rikapitalizzati internament (bailed-in) jekk l-entità ta' riżoluzzjoni ddaħħal riżoluzzjoni.

(14) Huwa meħtieġ li l-istituzzjonijiet li mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni jikkonformaw mal-MREL fil-livell individwali. Huwa meħtieġ li l-ħtiġijiet ta' telf ta' assorbiment u ta' rikapitalizzazzjoni ta' dawk l-istituzzjonijiet ġeneralment ikunu provduti mill-entitajiet ta' riżoluzzjoni rispettivi tagħhom permezz tal-akkwiżizzjoni mill-entitajiet ta' riżoluzzjoni ta' obbligazzjonijiet eliġibbli minn dawk l-istituzzjonijiet u l-valwazzjoni negattiva jew il-konverżjoni tagħhom fi strumenti ta' appartenenza fil-punt fejn dawk l-istituzzjonijiet ma għadhomx aktar vijabbli. Bħala tali, huwa meħtieġ li l-MREL applikabbli għal istituzzjonijiet li mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni jkunu applikati flimkien u b'mod konsistenti mar-rekwiżiti applikabbli għal entitajiet ta' riżoluzzjoni. Dak għandu jippermetti lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni biex jirriżolvu grupp ta' riżoluzzjoni mingħajr ma jqiegħdu xi wħud mill-entitajiet sussidjarji tiegħu f'riżoluzzjoni, u hekk jiġu evitati effetti li jistgħu potenzjalment ifixklu s-suq. Soġġett għall-qbil mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-entità ta' riżoluzzjoni u tas-sussidjarja tagħha, huwa meħtieġ li jkun possibbli li l-ħruġ ta' obbligazzjonijiet eliġibbli lil entitajiet ta' riżoluzzjoni jiġi sostitwit b'garanziji kollateralizzati bejn l-entità ta' riżoluzzjoni u s-sussidjarji tagħha, li jista' jitqanqal meta l-kundizzjonijiet ta' twaqqit ekwivalenti għal dawk li jippermettu l-valutazzjoni negattiva jew il-konverżjoni ta' obbligazzjonijiet eliġibbli jiġu ssodisfati. Huwa meħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' sussidjarji ta' entità ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu wkoll jirrinunzjaw kompletament l-applikazzjoni tal-MREL applikabbli għall-istituzzjonijiet li mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni jekk kemm l-entità ta' riżoluzzjoni kif ukoll is-sussidjarji tagħha jkunu stabbiliti fl-istess Stat Membru. Huwa meħtieġ li l-applikazzjoni tal-MREL għal istituzzjonijiet li mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni jikkonformaw mal-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula, b'mod partikolari ma għandhiex tbiddel ir-relazzjoni ta' appartenenza bejn l-istituzzjonijiet u l-grupp ta' riżoluzzjoni tagħhom wara li dawk l-istituzzjonijiet ikun ġew rikapitalizzati.

(15) Biex ikunu żgurati livelli adatti tal-MREL għal finijiet ta' riżoluzzjoni, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet responsabbli mill-istabbiliment tal-livell tal-MREL tkun l-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-entità ta' riżoluzzjoni, l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, li

hija l-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-impriża prinċipali aħħarija, u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' entitajiet oħra tal-grupp ta' riżoluzzjoni. Huwa meħtieġ li kwalunkwe tilwima bejn l-awtoritajiet tkun soġġetta għas-setgħat tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) skont ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] soġġett għall-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet provduti f'din id-Direttiva.

(16) Huwa meħtieġ li kwalunkwe ksur tar-rekwiżit minimu tat-TLAC u tal-MREL jkun indirizzat sew u rimedjat minn awtoritajiet kompetenti u ta' riżoluzzjoni. Minħabba li ksur ta' dawk ir-rekwiżiti jista' jikkostitwixxi impediment għal riżolvibbiltà ta' istituzzjoni jew grupp, huwa meħtieġ li l-proċeduri eżistenti biex jitneħħew l-impedimenti għal riżolvibbiltà jitqassru biex jiġi indirizzat kwalunkwe ksur tar-rekwiżiti malajr. Huwa meħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu wkoll jirrikjedu li l-istituzzjonijiet jimmodifikaw il-profili ta' maturità ta' strumenti u elementi eliġibbli u li jħejju u jimplimentaw pjanijiet biex jirrestawraw il-livell ta' dawk ir-rekwiżiti.

(17) Biex jiżguraw applikazzjoni trasparenti tal-MREL, huwa meħtieġ li l-istituzzjonijiet jirrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti u ta' riżoluzzjoni tagħhom u jiżvelaw regolarment lill-pubbliku l-livelli ta' obbligazzjonijiet eliġibbli u l-kompożizzjoni ta' dawk l-obbligazzjonijiet, inkluż il-profil ta' maturità tagħhom u l-klassifikazzjoni fi proċedimenti ta' insolvenza normali. Għandu jkun hemm konsistenza fil-frekwenza tar-rappurtar superviżorju dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-fondi proprji u mal-MREL.

(18) Huwa meħtieġ li r-rekwiżit li jkun inkluż rikonoxximent kuntrattwali tal-effetti tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna (bail-in) fi ftehimiet jew strumenti li joħloq obbligazzjonijiet irregolati mil-liġijiet ta' pajjiżi terzi jiżgura li dawk l-obbligazzjonijiet jkunu jistgħu jiġu rikapitalizzati internament fil-każ ta' riżoluzzjoni. Diment u sakemm ma jkunux adottati oqfsa ta' rikonoxximent statutorji biex tkun possibbli riżoluzzjoni transkonfinali effettiva fil-ġurisdizzjonijiet tal-pajjiżi terzi kollha, huwa meħtieġ li l-ftehimiet kuntrattwali, meta jkunu abbozzati sew u adottati b'mod wiesa', jkunu joffru soluzzjoni li taħdem. Anki jekk ikun hemm stabbiliti oqfsa ta' rikonoxximent statutorji, huwa meħtieġ li l-arranġamenti ta' rikonoxximent kuntrattwali għandhom jgħinu biex tkun rinfurzata ċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà ta' rikonoxximent transkonfinali ta' azzjonijiet ta' riżoluzzjoni. Madankollu, jista' jkun hemm każijiet fejn ma jkunx prattiku li l-istituzzjonijiet jinkludu dawk it-termini kuntrattwali fi ftehimiet jew strumenti li joħolqu ċerti obbligazzjonijiet, b'mod partikolari obbligazzjonijiet li mhumiex esklużi mill-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna skont id-Direttiva 2014/59/UE, depożiti koperti jew strumenti ta' fondi proprji. B'mod partikolari mhux prattikabbli għall-istituzzjonijiet li jinkludu fi ftehimiet jew strumenti li joħolqu obbligazzjonijiet termini kuntrattwali dwar ir-rikonoxximent tal-effetti tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna (bail-in), fejn dawk it-termini kuntrattwali huma kontra l-liġi fil-pajjiżi terzi kkonċernati jew fejn l-istituzzjonijiet ma għandhomx is-setgħa li jinnegozjaw biex dawk it-termini kuntrattwali jkunu imposti. Huwa għalhekk meħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu jirrinunzjaw l-applikazzjoni tar-rekwiżit li dawk it-termini kuntrattwali jkunu inklużi fejn dawk it-termini kuntrattwali jkunu jinvolvu spejjeż sproporzjonati għall-istituzzjonijiet u l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw ma jkunux jipprovdu kapaċità ta' assorbiment ta' telf u ta' rikapitalizzazzjoni sinifikanti f'riżoluzzjoni. Madankollu din ir-rinunzja ma

[17] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12

għandhiex tintuża fejn numru ta' ftehimiet jew obbligazzjonijiet flimkien kollettivament jipprovdu kapaċità sinifikanti ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni. Barra minn hekk, biex ikun żgurat li r-riżolvibbiltà tal-istituzzjonijiet ma tkunx affettwata, huwa meħtieġ li l-obbligazzjonijiet li jibbenefikaw minn rinunzji ma għandhomx ikunu eliġibbli għal MREL.

(19) Sabiex tiġi preżervata l-istabbiltà finanzjarja, huwa importanti li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jirrimedjaw id-deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika ta' istituzzjoni qabel ma dik l-istituzzjoni tasal f'punt fejn l-awtoritajiet ma jkollhom l-ebda alternattiva oħra ħlief li jirriżolvuha. Għal dak il-għan, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw setgħat adatti ta' intervent bikri. Huwa meħtieġ li s-setgħat ta' intervent bikri jinkludu s-setgħa li jiġu sospiżi, għall-iqsar żmien meħtieġ, ċerti obbligi kuntrattwali. Huwa meħtieġ li dik is-setgħa ta' sospensjoni tiġi inkwadrata b'attenzjoni u tkun eżerċitata biss fejn dan ikun neċessarju biex ikun stabbilit jekk humiex meħtieġa miżuri ta' interventi bikri jew biex ikun determinat jekk l-istituzzjoni hux qed tfalli jew x'aktarx tfalli. Jeħtieġ li dik is-setgħa ta' sospensjoni madankollu ma tapplika għal obbligazzjonijiet fir-rigward tal-parteċipazzjoni f'sistemi nominati taħt id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18], kontropartijiet ċentrali (CCPs) u banek ċentrali inklużi CCPs ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti mill-Awtorità Ewropea tas-Swieq Kapitali ("ESMA"). Lanqas ma għandha tapplika għal depożiti koperti. Huwa meħtieġ li s-setgħat ta' intervent bikri jinkludu s-setgħat diġà previsti fid-Direttiva 2013/36/UE għal ċirkostanzi oħra minbarra dawk ikkunsidrati bħala intervent bikri kif ukoll għal sitwazzjonijiet fejn huwa meqjus li huwa neċessarju li tiġi restawrata s-sodezza finanzjarja ta' istituzzjoni.

(20) Huwa fl-interess ta' riżoluzzjoni effiċjenti, u b'mod partikolari fl-interess li jiġu evitati kunflitti ta' ġuriżdizzjoni, li ma jinfetħu jew ma jitkomplew l-ebda proċedimenti ta' insolvenza normali għall-istituzzjoni li tkun qed tfalli waqt li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun qed teżerċita s-setgħat ta' riżoluzzjoni tagħha jew tkun qed tapplika l-għodod ta' riżoluzzjoni, ħlief fuq l-inizjattiva tal-awtorità ta' riżoluzzjoni jew bil-kunsens tagħha. Huwa utli u meħtieġ li jiġu sospiżi, għal perjodu limitat, ċerti obbligi kuntrattwali biex l-awtorità ta' riżoluzzjoni jkollha żmien suffiċjenti twettaq il-valwazzjoni u tpoġġi fil-prattika l-għodod ta' riżoluzzjoni. Huwa meħtieġ li dik is-setgħa tkun inkwadrata b'attenzjoni u tkun eżerċitata biss għall-iqsar żmien neċessarju għall-valwazzjoni jew biex jitqiegħdu fil-prattika l-għodod ta' riżoluzzjoni. Madankollu huwa meħtieġ li dik is-setgħa ma tapplikax għal depożiti koperti jew għal obbligi fir-rigward tal-parteċipazzjoni f'sistemi nominati taħt id-Direttiva 98/26/KE, CCPs u banek ċentrali, inklużi CCPs ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti mill-ESMA. Id-Direttiva 98/26/KE tnaqqas ir-riskju assoċjat mal-parteċipazzjoni f'sistemi ta' saldu ta' ħlasijiet u titoli, b'mod partikolari billi tnaqqas it-tħarbit fil-każ tal-insolvenza ta' parteċipant f'tali sistema. Biex jiġi żgurat li dawk il-protezzjonijiet japplikaw b'mod adatt f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, filwaqt li tinżamm ċertezza adatta għall-operaturi ta' sistemi ta' ħlas u ta' titoli u għal parteċipanti oħra tas-suq, id-Direttiva 2014/59/UE għandha tiġi emendata biex tipprovdi li miżura ta' prevenzjoni ta' kriżi jew miżura ta' ġestjoni ta' kriżi ma għandhiex bħala tali titqies bħala proċedimenti ta' insolvenza fis-sens tad-Direttiva 98/26/KE, diment li l-obbligi sostantivi skont il-kuntratt ikomplu jitwettqu. Minkejja dan, ma hemm xejn fid-Direttiva 2014/59/UE li jippreġudika t-tħaddim ta' sistema nominata skont id-Direttiva 98/26/KE jew id-dritt għal titolu kollaterali garantit minn dik l-istess Direttiva.

[18] Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' saldu f'sistemi ta' saldu ta' pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).

(21) Sabiex tkun evitata duplikazzjoni ta' rekwiżiti u biex ikunu applikati r-regoli adatti għall-irkupru u r-riżoluzzjoni effettivi ta' CCPs skont ir-Regolament (UE) Nru [riżoluzzjoni dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' CCP], huwa meħtieġ li d-Direttiva 2014/59/UE tkun emendata biex teskludi mill-ambitu tagħha dawk is-CCPs li fir-rigward tagħhom, skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012[19], l-Istati Membri japplikaw ċerti rekwiżiti għal awtorizzazzjoni taħt id-Direttiva 2013/36/UE u għaldaqstant huma awtorizzati wkoll bħala istituzzjonijiet ta' kreditu.

(22) L-esklużjoni ta' obbligazzjonijiet speċifiċi ta' istituzzjonijiet tal-kreditu jew ditti tal-investiment mill-applikazzjoni tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna (bail-in) jew minn setgħat biex ikunu sospiżi ċerti obbligi, ikun ristrett l-infurzar ta' interessi ta' sigurtà jew temporanjament jiġu sospiżi d-drittijiet ta' terminazzjoni fid-Direttiva 2014/59/UE, għandha tkopri ugwalment l-obbligazzjonijiet fir-rigward ta' CCPs stabbiliti fl-Unjoni u fir-rigward ta' CCPs ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti mill-ESMA.

(23) Sabiex ikun żgurat intendiment komuni tat-termini użati f'diversi strumenti legali, jixraq li fid-Direttiva 98/26/KE jiġu inkorporati d-definizzjonijiet u l-kunċetti introdotti mir-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward ta' "kontroparti ċentrali" jew "CCP" jew "parteċipant".

(24) Biex ir-riżoluzzjoni ta' CCPs tkun implimentata effettivament, is-salvagwardji previsti fid-Direttiva 2002/47/KE[20] ma għandhom japplikaw għall-ebda restrizzjoni tal-infurzar ta' arranġament kollaterali finanzjarju jew fuq l-effett ta' arranġamenti kollaterali finanzjarju ta' sigurtà, kwalunkwe nnettjar bi close-out jew dispożizzjoni ta' kumpens imposti bis-saħħa tar-Regolament (UE) Nru [rkupru u riżoluzzjoni ta' CCP].

(25) Id-Direttiva 2012/30/UE[21], Id-Direttiva 2011/35/UE[22], Id-Direttiva 2005/56/KE[23], Id-Direttiva 2004/25/KE[24] u d-Direttiva 2007/36/KE[25], fihom regoli għall-protezzjoni tal-azzjonisti u l-kredituri ta' CCPs li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk id-Direttivi. F'sitwazzjoni fejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jeħtieġ jaġixxu b'mod rapidu skont ir-Regolament (UE) Nru [rkupru u riżoluzzjoni ta' CCO], dawk ir-regoli jistgħu jfixklu azzjoni ta' riżoluzzjoni effettiva u l-użu ta' għodda u setgħat ta' riżoluzzjoni mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni. Għaldaqstant huma meħtieġ li d-derogi taħt id-Direttiva 2014/59/UE ikunu estiżi għal atti meħuda skont ir-Regolament (UE) Nru [rkupru u riżoluzzjoni ta' CCP]. Sabiex ikun garantit il-livell massimu ta' ċertezza legali għall-partijiet ikkonċernati, huwa meħtieġ li d-derogi jkunu definiti b'mod ċar u

---

19 Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivattivi ta' OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji kummerċjali, ĠU L 201, 27.7.2012, p.1

20 Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivattivi ta' OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji kummerċjali, ĠU L 201, 27.7.2012, p.1

21 Id-Direttiva 2012/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar il-formazzjoni ta' kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 74).

22 Id-Direttiva 2011/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-mergers ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata (ĠU L 110, 29.4.2011, p. 1).

23 Id-Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar mergers transkonfinali ta' kumpaniji ta' responsabbiltà limitata (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 1).

24 Id-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' xiri (ĠU L 142, 30.4.2004, p. 12).

25 Id-Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-azzjonisti ta' kumpaniji kkwotati (ĠU L 184, 14.7.2007, p. 17).

ristrett, u għandhom jintużaw biss fl-interess pubbliku u meta t-triggers ta' riżoluzzjoni jkunu ġew issodisfati. L-użu ta' għodda ta' riżoluzzjoni jippresupponi li l-objettivi ta' riżoluzzjoni u l-kundizzjonijiet għal riżoluzzjoni mniżżla fir-Regolament (UE) Nru [rkupru u riżoluzzjoni ta' CCP] huma ssodisfati. Sabiex ikun żgurat li l-awtoritajiet jistgħu jimponu sanzjonijiet meta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru [rkupru u riżoluzzjoni ta' CCP] ma jkunux ġew rispettati u li dawk is-setgħat ta' sanzjonijiet huma konsistenti mal-qafas legali ta' rkupru u riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra, huwa meħtieġ li l-ambitu tal-applikazzjoni tat-Titolu VIII tad-Direttiva 2014/59/UE jkopri wkoll ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru [rkupru u riżoluzzjoni ta' CCP].

(26) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu stabbiliti regoli uniformi dwar qafas ta' rkupru u riżoluzzjoni, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għaldaqstant, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(27) Biex ikun hemm ħin adatt għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jingħataw tnax-il xahar biex jittrasponu din id-Direttiva fil-liġijiet nazzjonali tagħhom mid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha u li l-istituzzjonijiet konċernati jkunu mitluba jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet il-ġodda fi żmien sitt xhur mid-data ta' traspożizzjoni.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*
*Emendi għad-Direttiva 2014/59/UE1*

1. Fl-Artikolu 1, għandu jiżdied il-paragrafu (3) li ġej:

"3. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal dawk il-kontropartijiet li fir-rigward tagħhom, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-Istati Membri japplikaw ċerti rekwiżiti għal awtorizzazzjoni taħt id-Direttiva 2013/36/UE.

Madankollu, id-dispożizzjonijiet imniżżla fit-Titolu VIII ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw ukoll fir-rigward ta' penali applikabbli fejn ma kienx hemm konformità mar-Regolament [dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' CCPs]."

2. Fl-Artikolu 2(1) il-punt (71), "obbligazzjonijiet eliġibbli" hija sostitwita b'"obbligazzjonijiet bail-inabel".

3. Fl-Artikolu 2(1) huwa miżjud il-punt li ġej:

"(71a) "Obbligazzjonijiet eliġibbli" tfisser obbligazzjonijiet bail-inable li jirrispettaw, kif applikabbli, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 45b jew il-punt (a) tal-Artikolu 45g(3)."

4. Fl-Artikolu 2(1), il-punti li ġejjin (83a) u (83b), (109) u (110) huma miżjuda:

"(83a) "entità ta' riżoluzzjoni" tfisser entità stabbilita fl-Unjoni, li hija identifikata mill-awtorità ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 12 bħala entità fir-rigward ta' liema l-pjan ta' riżoluzzjoni jipprevedi azzjoni ta' riżoluzzjoni;

(83b) "grupp ta' riżoluzzjoni" tfisser entità ta' riżoluzzjoni u s-sussidjarji tagħha li mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni huma stess u li mhumiex sussidjarji ta' entità ta' riżoluzzjoni oħra;

"(109) "membru tal-ikklirjar" tfisser membru tal-ikklirjar kif definit fl-Artikolu 2(14) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(110) "bord" tfisser il-bord amministrattiv jew superviżorju, jew it-tnejn li huma, stabbilit f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-kumpaniji skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012".

5. Fl-Artikolu 12, il-paragrafu (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, flimkien mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' sussidjarji u wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' fergħat sinifikattivi safejn ikun rilevanti għall-fergħa sinifikattiva, ifasslu pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp. Il-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp għandu jidentifika miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward ta':

(a) l-impriża prinċipali tal-Unjoni;

(b) is-sussidjarji li huma parti mill-grupp u li jinsabu fl-Unjoni;

(c) l-entitajiet imsemmija fil-punti (c) u (d) tal-Artikolu 1(1); u

(d) soġġett għat-Titolu VI, is-sussidjarji li huma parti mill-grupp u li jinsabu barra mill-Unjoni.

F'konformità mal-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-pjan ta' riżoluzzjoni għandu jidentifika għal kull grupp:

(a) l-entitajiet ta' riżoluzzjoni;

(b) il-gruppi ta' riżoluzzjoni.".

6. Fl-Artikolu 12(3), il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) jistabbilixxi l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni pjanati li għandhom jittieħdu għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni fix-xenarji msemmija fl-Artikolu 10(3), u l-implikazzjonijiet ta' dawk l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni għall-entitajiet ta' grupp oħra msemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1), għall-impriża prinċipali u għall-istituzzjonijiet sussidjarji;

(b) jeżamina l-punt safejn l-għodda u s-setgħat tar-riżoluzzjoni jistgħu jiġu applikati u eżerċitati b'mod koordinat għal entitajiet ta' riżoluzzjoni li jkunu jinsabu fl-Unjoni, inklużi l-miżuri biex jiġi faċilitat ix-xiri minn parti terza tal-grupp bħala ħaġa waħda, jew linji jew attivitajiet ta' negozju separati li huma provduti minn għadd ta' entitajiet ta' grupp, jew entitajiet ta' grupp partikolari jew gruppi ta' riżoluzzjoni, u jidentifikaw kwalunkwe impediment potenzjali għal riżoluzzjoni koordinata;".

7. Fl-Artikolu 12(3), il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) jistabbilixxi kwalunkwe azzjoni addizzjonali, mhux imsemmija f'din id-Direttiva, li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rilevanti bi ħsiebhom jieħdu fir-rigward tal-entitatjiet ta' riżoluzzjoni;".

8. Fl-Artikolu 12(3), jiżdied il-punt (a1) li ġej:

"(a1) fejn grupp jinkludi aktar minn grupp ta' riżoluzzjoni wieħed, jistabbilixxi azzjonijiet ta' riżoluzzjoni pjanati fir-rigward tal-entitajiet ta' riżoluzzjoni ta' kull grupp ta' riżoluzzjoni u l-implikazzjonijiet ta' dawk l-azzjonijiet fuq:

(i) entitajiet tal-grupp oħrajn li jappartjenu għall-istess grupp ta' riżoluzzjoni;

(ii) gruppi ta' riżoluzzjoni oħra.".

9. Fl-Artikolu 13(4), is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara l-ewwel subparagrafu:

"Fejn grupp huwa magħmul minn aktar minn grupp ta' riżoluzzjoni wieħed, l-ippjanar tal-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni msemmija fil-punt (a1) tal-Artikolu 12(3) għandu jieħu l-forma ta' deċiżjoni konġunta kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.".

10. Fl-Artikolu 13(6), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta bejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fi żmien erba' xhur, kull awtorità ta' riżoluzzjoni li hija responsabbli għal sussidjarja u li ma taqbilx mal-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha stess u, fejn ikun il-każ, għandha tidentifika l-entità ta' riżoluzzjoni u tfassal u żżomm pjan ta' riżoluzzjoni għall-grupp ta' riżoluzzjoni magħmul minn entitajiet taħt il-ġurisdizzjoni tagħha. Kull waħda mid-deċiżjonijiet individwali tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li ma jaqblux għandha tkun kompletament iġġustifikata fost oħrajn billi tistipula r-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil mal-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp propost u billi tqis il-fehmiet u r-riżervi tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni l-oħra u tal-awtoritajiet kompetenti. Kull awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-membri l-oħra tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.".

11. Fl-Artikolu 16(1), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Grupp għandu jitqies bħala riżolvibbli jekk ikun fattibbli u kredibbli li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jew jillikwidaw l-entitajiet ta' grupp skont proċedimenti ta' insolvenza normali jew li jirriżolvu dak il-grupp bl-applikazzjoni ta' għodda u setgħat ta' riżoluzzjoni għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni ta' dak il-grupp filwaqt li tiġi evitata kemm jista' jkun possibbli kwalunkwe konsegwenza negattiva sinifikanti għas-sistemi finanzjarji, inkluż f'ċirkostanzi ta' instabbiltà finanzjarja usa' jew avvenimenti mifruxa mas-sistema kollha, tal-Istati Membri li fihom l-entitajiet ta' grupp ikunu stabbiliti, jew ta' Stati Membri oħra jew tal-Unjoni u bil-ħsieb li tkun żgurata l-kontinwità ta' funzjonijiet kritiċi mwettqa minn dawk l-entitajiet ta' grupp, fejn dawn jistgħu jiġu separati faċilment f'ħin debitu jew b'mezzi oħra. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandhom jinnotifikaw lill-EBA f'ħin debitu kull meta grupp jitqies mhux riżolvibbli.".

12. Fl-Artikolu 16, għandu jiżdied il-paragrafu (4) li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn grupp huwa magħmul minn aktar minn grupp ta' riżoluzzjoni wieħed, l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jivvalutaw ir-riżolvibbiltà ta' kull grupp ta' riżoluzzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha ssir flimkien mal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà tal-grupp kollu kemm hu.".

13. Fl-Artikolu 17(3), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Fejn impediment sostantiv għal riżolvibbiltà huwa dovut għal sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 141a(2) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjoni għandha, fi żmien ġimagħtejn mid-data tar-riċevuta ta' notifika magħmula skont il-paragrafu 1, tipproponi lill-awtorità ta' riżoluzzjoni miżuri possibbli biex tiżgura li l-istituzzjoni tikkonforma mal-Artikoli 45f jew 45g u r-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 128(6) tad-Direttiva 2013/36/UE.".

14. Fl-Artikolu 17(5), jiddaħħal il-punt (h1) li ġej:

"(h1) jitolbu lil istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tippreżenta pjan biex tkun restawrata l-konformità mal-Artikolu 45f u 45g, u r-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 128(6) tad-Direttiva 2013/36/UE;".

15. Fl-Artikolu 17(5), jiddaħħal il-punt (j1) li ġej:

'(j1) jitolbu lil istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), biex ibiddlu l-profil ta' maturità tal-punti msemmija fl-Artikolu 45b jew il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 45g(3) biex tkun żgurata konformità kontinwa mal-Artikolu 45f jew l-Artikolu 45g.'.

16. Fil-punti (i) u (j) tal-Artikolu 17(5), "l-Artikolu 45" huwa sostitwit b'"l-Artikolu 45f u l-Artikolu 45g".

17. Fl-Artikolu 18, il-paragrafi 1 sa 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, flimkien mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' sussidjarji, wara konsultazzjoni mal-kulleġġ superviżorju u mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-ġurisdizzjonijiet fejn jinsabu l-fergħat sinifikattivi safejn huwa rilevanti għall-fergħa sinifikattiva, għandha tikkunsidra l-valutazzjoni mitluba mill-Artikolu 16 fi ħdan il-kulleġġ ta' riżoluzzjoni u għandha tieħu l-passi raġonevoli kollha biex tittieħed deċiżjoni konġunta dwar l-applikazzjoni ta' miżuri identifikati f'konformità mal-Artikolu 17(4) fir-rigward tal-entitajiet ta' riżoluzzjoni kollha u s-sussidjarji tagħhom li huma entitajiet parti mill-grupp imsemmi fl-Artikolu 1(1).

2. L-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, f'kooperazzjoni mas-superviżur konsolidattiv u l-EBA skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, għandha tħejji u tippreżenta rapport lill-impriża prinċipali tal-Unjoni, lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' sussidjarji, li għandha tipprovdih lis-sussidjarji taħt is-superviżjoni tagħhom, u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' ġurisdizzjonijiet fejn jinsabu fergħat sinifikanti. Ir-rapport għandu jitħejja wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, u għandu janalizza l-impedimenti sostantivi għall-applikazzjoni effettiva tal-għodda ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-grupp u l-gruppi ta' riżoluzzjoni fejn grupp ikun magħmul minn aktar minn grupp ta' riżoluzzjoni wieħed. Ir-rapport għandu jikkunsidra l-impatt fuq il-mudell ta' negozju tal-istituzzjoni u jirrakkomanda kwalunkwe miżura proporzjonata u mmirata li, fl-opinjoni tal-awtorità, hija meħtieġa jew adatta sabiex jitneħħew dawk l-impedimenti.

Fejn l-impediment għar-riżolvibbiltà tal-grupp huwa dovut għal sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 141a(2) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp għandha tinnotifika l-valutazzjoni tagħha ta' dak l-impediment lill-impriża prinċipali tal-Unjoni wara li tkun ikkonsultat mal-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-entità ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet sussidjarji tagħha.

3. Fi żmien erba' xhur mid-data tar-riċevuta tar-rapport, l-impriża prinċipali tal-Unjoni tista' tippreżenta osservazzjonijiet u tipproponi miżuri alternattivi lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp biex tirrimedja l-impedimenti identifikati fir-rapport.

Fejn dawk l-impedimenti huma dovuti għal sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 141a(2) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-impriża prinċipali tal-Unjoni għandha, fi żmien ġimagħtejn mid-data tar-riċevuta ta' notifika magħmula skont il-paragrafu 2,

tipproponi lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp miżuri possibbli biex ikunu indirizzati jew imneħħija dawk l-impedimenti.

4. L-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandha tikkomunika kwalunkwe miżura proposta mill-impriża prinċipali tal-Unjoni lis-superviżur konsolidattiv, lill-EBA, lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarji u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-ġurisdizzjonijiet fejn jinsabu fergħat sinifikattivi safejn ikun rilevanti għall-fergħa sinifikattiva. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarji, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' ġurisdizzjonijiet fejn jinstabu fergħat sinifikanti, għandhom jagħmlu kull ma huwa fis-setgħa tagħhom sabiex jieħdu deċiżjoni konġunta fi ħdan il-kulleġġ ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-impedimenti materjali, u jekk ikun meħtieġ, il-valutazzjoni tal-miżuri proposti mill-impriża prinċipali tal-Unjoni u l-miżuri mitluba mill-awtoritajiet sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew l-impedimenti, li għandhom jikkunsidraw l-impatt potenzjali tal-miżuri fl-Istati Membri kollha fejn jopera l-grupp.

5. Id-deċiżjoni konġunta għandha tittieħed fi żmien erba' xhur mill-preżentazzjoni ta' kwalunkwe osservazzjoni mill-impriża prinċipali tal-Unjoni jew mal-iskadenza tal-perjodu ta' erba' xhur imsemmi fil-paragrafu 3, skont liema jiġi l-ewwel.

Id-deċiżjoni konġunta dwar l-impediment għal riżolvibbiltà minħabba sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 141a(2) tad-Direttiva 2013/36/UE għandha tittieħed fi żmien ġimagħtejn mill-preżentazzjoni ta' kwalunkwe osservazzjoni mill-impriża prinċipali tal-Unjoni f'konformità mal-paragrafu 3.

Id-deċiżjoni konġunta għandha tkun iġġustifikata u mniżżla f'dokument li għandu jiġi provdut mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp lill-impriża prinċipali tal-Unjoni.

L-EBA tista', fuq it-talba tal-awtorità ta' riżoluzzjoni, tgħin lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jilħqu deċiżjoni konġunta skont l-Artikolu 31(c) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

6. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 5, l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha stess dwar il-miżuri adatti li għandhom jittieħdu skont l-Artikolu 17(4) fil-livell tal-grupp jew tal-grupp ta' riżoluzzjoni.

Id-deċiżjoni għandha tkun kompletament iġġustifikata u għandha tqis il-fehmiet u r-riżervi ta' awtoritajiet ta' riżoluzzjoni oħrajn. Id-deċiżjoni għandha tingħata lill-impriża prinċipali tal-Unjoni mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp.

Jekk, fi tmien il-perjodu rilevanti msemmi fil-paragrafu 5, kwalunkwe awtorità ta' riżoluzzjoni tkun irreferiet kwistjoni msemmija fil-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu lill-EBA skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandha tiddifferixxi d-deċiżjoni tagħha u tistenna kwalunkwe deċiżjoni li l-EBA tista' tieħu skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament, u għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha skont id-deċiżjoni tal-EBA. Il-perjodu rilevanti msemmi fil-paragrafu 5 għandu jitqies bħala li hu l-perjodu ta' konċiljazzjoni skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. L-EBA għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar jew fi żmien ġimgħa meta r-riferiment għall-EBA jkun relatat ma' impediment għal riżolvibbiltà dovut għal sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 141a(2) tad-Direttiva 2013/36/UE. Il-kwistjoni ma għandhiex tiġi riferuta

lill-EBA wara t-tmiem tal-perjodu rilevanti msemmi fil-paragrafu 5 jew wara li tkun ittieħdet deċiżjoni konġunta. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-EBA, id-deċiżjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp għandha tapplika.

7. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' sussidjarji għandhom jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom stess dwar il-miżuri adatti li għandhom jittieħdu mis-sussidjarji fil-livell individwali skont l-Artikolu 17(4). Id-deċiżjoni għandha tkun iġġustifikata bis-sħiħ u għandha tqis il-fehmiet u r-riżervi tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni l-oħrajn. Id-deċiżjoni għandha tiġi pprovduta lis-sussidjarja kkonċernata u lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp.

Jekk, fi tmien il-perjodu rilevanti msemmi fil-paragrafu 5, kwalunkwe awtorità ta' riżoluzzjoni tkun irreferiet kwistjoni msemmija fil-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu lill-EBA skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarja għandha tiddifferixxi d-deċiżjoni tagħha u tistenna kwalunkwe deċiżjoni li l-EBA tista' tieħu skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament, u għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha skont id-deċiżjoni tal-EBA. Il-perjodu rilevanti msemmi fil-paragrafu 5 għandu jitqies bħala li hu l-perjodu ta' konċiljazzjoni skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. L-EBA għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar jew fi żmien ġimgħa meta r-riferiment lill-EBA jkun relatat ma' impediment għal riżolvibbiltà dovut għal ksur tal-Artikoli 45 sa 45i. Il-kwistjoni ma għandhiex tiġi riferuta lill-EBA wara t-tmiem tal-perjodu rilevanti msemmi fil-paragrafu 5 jew wara li tkun ittieħdet deċiżjoni konġunta. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-EBA, id-deċiżjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarja għandha tapplika.".

18. Fl-Artikolu 27(1), jiżdied il-punt (i) li ġej:

"(h) fejn il-kundizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 29a huma rispettati, jissospendu kwalunkwe ħlas jew obbligu ta' konsenja fir-rigward ta' liema istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) hija parti.".

19. Jiddaħħal l-Artikolu 29a li ġej:

*"Artikolu 29a*

*Setgħa ta' sospensjoni ta' ċerti obbligi.*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li l-awtorità kompetenti rispettiva tagħhom, wara li tkun ikkonsultat l-awtorità ta' riżoluzzjoni, tista' teżerċita s-setgħa msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 27 (1) biss fejn l-eżerċizzju tas-setgħa ta' sospensjoni huwa neċessarju biex titwettaq il-valutazzjoni prevista fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 27(1) jew biex issir id-determinazzjoni prevista fil-punt (a) tal-Artikolu 32(1).

2. Is-sospensjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex taqbeż il-perjodu minimu ta' żmien li l-awtorità kompetenti tqis neċessarju biex titwettaq il-valutazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 27(1) jew biex issir id-determinazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 32(1) u fi kwalunkwe każ ma għandhiex taqbeż il-ħamest (5) ijiem ta' ħidma.

3. Kwalunkwe sospensjoni skont il-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal:

(a) obbligi ta' ħlas u konsenja dovuti lil sistemi jew operaturi ta' sistemi li ġew maħtura f'konformità mad-Direttiva 98/26/KE, CCPs u CCPs ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti mill-ESMA skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u lil banek ċentrali;

(b) pretensjonijiet eliġibbli għall-fini tad-Direttiva 97/9/KE;

(c) depożiti koperti.

4. Fl-eżerċizzju ta' setgħa skont dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-impatt li l-eżerċitar ta' dik is-setgħa jista' jkollu fuq il-funzjonament tajjeb tas-swieq finanzjarji.

5. Meta obbligu ta' ħlas jew konsenja li kien ikun dovut matul il-perjodu ta' sospensjoni għandu jkun dovut immedjatament mal-iskadenza ta' dak il-perjodu.

6. Jekk obbligi ta' ħlas jew konsenja fl-ambitu ta' kuntratt jiġu sospiżi skont il-paragrafu 1, l-obbligi ta' ħlas jew konsenja tal-kontropartijiet tal-entità fl-ambitu ta' dak il-kuntratt għandhom jiġu sospiżi għall-istess perjodu ta' żmien.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jinnotifikaw lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni dwar l-eżerċitar ta' kwalunkwe setgħa msemmija fil-paragrafu 1 mingħajr dewmien.

8. L-Istati Membri li jagħmlu użu mill-opzjoni mniżżla fl-Artikolu 32 (2) għandhom jiżguraw li s-setgħa ta' sospensjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tista' tkun eżerċitata wkoll mill-awtorità ta' riżoluzzjoni, wara li tkun ġiet konsultata l-awtorità kompetenti, fejn l-eżerċizzju ta' dik is-setgħa ta' sospensjoni huwa neċessarju biex issir id-determinazzjoni prevista fil-punt (a) tal-Artikolu 32(1)."

20. Fl-Artikolu 32(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) b'kunsiderazzjoni taż-żmien u ċirkustanzi rilevanti oħra, ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li kwalunkwe miżura alternattiva mis-settur privat, inklużi miżuri minn IPS, jew azzjoni superviżorja, inklużi miżuri ta' intervent bikri jew ta' valwazzjoni negattiva jew konverżjoni ta' strumenti ta' kapital jew obbligazzjonijiet eliġibbli rilevanti skont l-Artikolu 59(2) meħuda fir-rigward tal-istituzzjoni, tkun tipprevjeni l-falliment tal-istituzzjoni fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli;".

21. Fl-Artikolu 33, il-paragrafi 2, 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jieħdu azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' entità msemmija fil-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), meta dik l-entità tirrispetta l-kundizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 32(1).

3. Meta l-istituzzjonijiet sussidjarji ta' kumpanija azzjonarja ta' attività mħallta huma miżmuma direttament jew indirettament minn kumpanija azzjonarja finanzjarja intermedja, il-pjan ta' riżoluzzjoni għandu jipprovdi li l-kumpanija azzjonarja finanzjarja intermedja tkun identifikata bħala entità ta' riżoluzzjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu azzjonijiet ta' riżoluzzjoni għall-finijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp fir-rigward tal-kumpanija azzjonarja finanzjarja intermedja. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ma jieħdux azzjonijiet ta' riżoluzzjoni għall-finijiet ta' riżoluzzjoni ta' grupp fir-rigward tal-kumpanija azzjonarja ta' attività mħallta.

4. Soġġett għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u minkejja l-fatt li entità msemmija fil-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ma tirrispettax il-kundizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 32(1), l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jieħdu azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' entità msemmija fil-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) fejn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin huma ssodisfati:

(a) l-entità hija entità ta' riżoluzzjoni;

(b) waħda jew aktar mis-sussidjarji ta' dik l-entità li huma istituzzjonijiet, iżda mhux entitajiet ta' riżoluzzjoni jikkonformaw mal-kundizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 32(1);

(c) l-assi u l-obbligazzjonijiet ta' dawk is-sussidjarji huma tali li l-falliment tagħhom jhedded il-grupp ta' riżoluzzjoni bħala ħaġa waħda u azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-entità msemmija fil-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) hija neċessarja għar-riżoluzzjoni ta' tali sussidjarji li huma istituzzjonijiet jew għar-riżoluzzjoni tal-grupp ta' riżoluzzjoni rilevanti bħala ħaġa waħda.".

22. Fl-Artikolu 44(2), il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) obbligazzjonijiet li jkun baqalhom maturità ta' anqas minn sebat ijiem, dovuti lil sistemi jew operaturi ta' sistemi maħsuba skont id-Direttiva 98/26/KE jew lill-parteċipanti tagħhom u li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni f'tali sistema, jew lil CCPs ċentrali ta' pajjiż terz rikonoxxuti mill-ESMA;".

23. L-Artikolu 45 huwa sostitwit bl-Artikoli li ġejjin:

*"Artikolu 45*

*Applikazzjoni u kalkolu tar-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet u l-entitajiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1) jissodisfaw, f'kull ħin, rekwiżit għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikoli 45 sa 45i.

2. Ir-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 45c(3) jew (4), kif applikabbli, bħala l-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjoni eliġibbli u espress bħala perċentwali ta':

(a) l-ammont ta' esponiment għar-riskju totali tal-entità rilevanti msemmija fil-paragrafu 1 kkalkulat skont l-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013,

(b) il-miżura tal-esponiment tal-proporzjon ta' ingranaġġ tal-entità rilevanti msemmija fil-paragrafu 1 kalkulat skont l-Artikolu 429(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

*Artikolu 45a Eżenzjoni mir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli*

1. Minkejja l-Artikolu 45, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jeżentaw mir-rekwiżit imniżżel fl-Artikolu 45(1) lill-istituzzjonijiet ta' kreditu ipotekarju ffinanzjati minn bonds koperti li, skont il-liġi nazzjonali ma jistgħux jirċievu depożiti fejn il-kundizzjonijiet li ġejjin kollha huma ssodisfati:

(a) dawk l-istituzzjonijiet ser jiġu stralċjati permezz ta' proċeduri ta' insolvenza nazzjonali, jew tipi oħra ta' proċedura implimentati skont l-Artikoli 38, 40 jew 42, stabbiliti għal dawk l-istituzzjonijiet;

(b) tali proċeduri ta' insolvenza nazzjonali, jew tipi ta' proċeduri oħra, ser jiżguraw li l-kredituri ta' dawk l-istituzzjonijiet, inklużi d-detenturi ta' bonds koperti fejn ikun rilevanti, ser iġarrbu t-telf b'mod li jissodisfa l-objettivi tar-riżoluzzjoni.

2. Istituzzjonijiet eżentati mir-rekwiżit imniżżel fl-Artikolu 45(1) ma għandhomx ikunu parti mill-konsolidazzjoni msemmija fl-Artikolu 45f(1).

*Artikolu 45b Obbligazzjonijiet eliġibbli għal entitajiet ta' riżoluzzjoni*

1. Obbligazzjonijiet eliġibbli għandhom jiġu inklużi fl-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli ta' entitajiet ta' riżoluzzjoni biss fejn dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 72a, ħlief għall-punt (d) tal-Artikolu 72b(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. B'deroga mill-punt (l) tal-Artikolu 72a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn strumenti ta' dejn b'karatteristiċi derivattivi, bħal noti strutturati, għandhom jiġu inklużi fl-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli biss fejn il-kundizzjonijiet li ġejjin kollha jiġu ssodisfati:

(a) ammont partikolari tal-obbligazzjoni li tirriżulta mill-istrument ta' dejn huwa magħruf minn qabel fil-mument tal-ħruġ, huwa fiss u mhux affettwat minn karatteristika derivattiva;

(b) l-istrument ta' dejn, inkluża l-karattteristika derivattiva tiegħu, mhuwiex soġġett għal xi ftehim ta' nnettjar u l-valwazzjoni tiegħu mhix soġġetta għall-Artikolu 49(3);

L-obbligazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu inklużi biss fl-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għall-parti li tikkorrispondi mal-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu.

3. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jiddeċiedu li r-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45f huwa ssodisfat minn entitajiet ta' riżoluzzjoni bi strumenti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 72a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bil-ħsieb li jkun żgurat li l-entità ta' riżoluzzjoni tista' tiġi riżolta b'mod adatt biex ikunu ssodisfati l-objettivi ta' riżoluzzjoni.

Id-deċiżjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni taħt dan il-paragrafu għandu jkun fiha r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni abbażi tal-elementi li ġejjin:

(a) Obbligazzjonijiet non-subordinati msemmija fl-ewwel u fit-tieni paragrafi għandhom l-istess klassifikazzjoni ta' prijorità fil-ġerarkija ta' insolvenza nazzjonali bħal ċerti obbligazzjonijiet li huma esklużi mill-applikazzjoni tas-setgħat ta' valutazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni skont l-Artikolu 44(2) jew l-Artikolu 44(3);

(b) ir-riskju li b'riżultat ta' applikazzjoni ppjanata ta' setgħat ta' valutazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni għal obbligazzjonijiet non-subordinati li mhumiex esklużi mill-applikazzjoni tas-setgħat ta' valutazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni skont l-Artikolu 44(2) jew l-Artikolu 44(3), il-kredituri ta' pretensjonijiet li jirriżultaw minn dawk l-obbligazzjonijiet iġarrbu telf akbar milli kienu kieku jġarrbu fi stralċ taħt proċedimenti ta' insolvenza normali;

(c) l-ammont ta' obbligazzjonijiet subordinati ma għandux jaqbeż l-ammont neċessarju biex ikun żgurat li l-kredituri msemmija fil-punt (b) ma għandhomx iġarrbu telf 'il fuq mil-livell ta' telf li kieku kienu jġarrbu fi stralċ taħt proċedimenti ta' insolvenza normali.

4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 115 dwar miżuri biex ikunu speċifikati ulterjorment il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2.

*Artikolu 45c Determinazzjoni tar-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli*

1. Ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45(1) ta' kull entità għandu jiġi determinat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni, wara li tkun ikkonsultat l-awtorità kompetenti, abbażi tal-kriterji li ġejjin:

   (a) il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-entità ta' riżoluzzjoni tista' tiġi riżolta bl-applikazzjoni tal-għodda ta' riżoluzzjoni inkluża, fejn ikun il-każ, l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna, b'mod li jiġu ssodisfati l-objettivi tar-riżoluzzjoni;

   (b) il-ħtieġa li jiġi żgurat, f'każijiet adatti, li l-entità ta' riżoluzzjoni u s-sussidjarji tagħha li huma istituzzjonijiet, iżda mhux entitajiet ta' riżoluzzjoni, ikollhom obbligazzjonijiet eliġibbli biżżejjed biex ikun żgurat li, jekk l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna jew is-setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni kellhom jiġu applikati għalihom, rispettivament, it-telf ikun jista' jiġi assorbit u l-proporzjon kapitali totali u l-proporzjoni ta' ingranaġġ fil-forma tal-Ewwel (1) Livell ta' Ekwità Komuni, tal-entitajiet rilevanti jkunu jistgħu jiġu restawrati għal livell neċessarju biex ikunu jistgħu jkomplu jikkonformaw mal-kundizzjonijhjiet għal awtorizazzjoni u biex ikomplu bl-attivitajiet li huma awtorizzati għalihom skont id-Direttiva 2013/36/UE jew id-Direttiva 2014/65/UE;

   (c) il-ħtieġa li jkun żgurat li, jekk il-pjan ta' riżoluzzjoni jantiċipa li ċerti klassijiet ta' obbligazzjonijiet eliġibbli jistgħu jiġu esklużi minn rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 44(3) jew jistgħu jiġu trasferiti fl-intier tagħhom lil benefiċjarju taħt trasferiment parzjali, l-entità ta' riżoluzzjoni għandha obbligazzjonijiet eliġibbli oħrajn suffiċjenti biex tiżgura li t-telf ikun jista' jiġi assorbit u r-rekwiżiti ta' kapital, jew kif applikabbli, il-proporzjon ta' ingranaġġ fil-forma tal-Livell 1 ta' Ekwità Komuni tal-entità ta' riżoluzzjoni, ikunu jistgħu jiġu restawrati għal livell neċessarju biex jagħmluha possibbli li hi tkomplu tikkonforma mal-kundizzjonijiet għal awtorizzazzjoni u biex tkompli bl-attivitajiet li għalihom hija awtorizzata skont id-Direttiva 2013/36/UE jew id-Direttiva 2014/65/UE;

   (d) id-daqs, il-mudell tan-negozju, il-mudell ta' finanzjament u l-profil tar-riskju tal-entità;

   (e) il-punt kemm l-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti tista' tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 109;

   (f) il-punt kemm il-falliment tal-entità jkollu effett negattiv fuq l-istabbiltà finanzjarja, inkluż, minħabba l-interkonnettività tal-entità ma' istituzzjonijiet jew entitajiet oħra jew mal-bqija tas-sistema finanzjarja permezz ta' kontaġju lil istituzzjonijiet jew entitajiet oħra.

2. Fejn il-pjan ta' riżoluzzjoni jipprovdi li għandha tittieħed azzjoni ta' riżoluzzjoni skont ix-xenarju ta' riżoluzzjoni rilevanti msemmi fl-Artikolu 10(3), ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45(1) għandha jkun daqs ammont suffiċjenti biex ikun żgurat li:

   (a) it-telf li jista' jkun mistenni li jiġġarrab mill-entità jkun kompletament assorbit ("assorbiment ta' telf");

(b) l-entità jew is-sussidjarji tagħha li huma istituzzjonijiet, iżda mhux entitajiet ta' riżoluzzjoni huma rikapitalizzati sa livell neċessarju biex ikunu jistgħu jkomplu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet għal awtorizzazzjoni u jwettqu l-attivitajiet li għalihom huma awtorizzati skont id-Direttiva 2013/36/UE, id-Direttiva 2014/65/UE jew leġiżlazzjoni ekwivalenti ("rikapitalizzazzjoni");

Fejn il-pjan ta' riżoluzzjoni jipprovdi li l-entità għandha tkun stralċjata taħt proċedimenti ta' insolvenza normali, ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45(1) għal dik l-entità ma għandux jaqbeż ammont suffiċjenti biex jassorbi t-telf skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu.

3. Mingħajr preġudizzju għall-aħħar subparagrafu, għal entitajiet ta' riżoluzzjoni, l-ammont imsemmi fil-paragrafu 2 ma għandux jaqbeż l-ikbar wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) it-total ta':

(i) l-ammont ta' telf li jrid jiġi assorbit f'riżoluzzjoni li jikkorrispondi mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 92(1)(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp ta' riżoluzzjoni sub-konsolidat,

(ii) ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermetti lill-grupp ta' riżoluzzjoni li jirriżulta minn riżoluzzjoni biex jirrestawra l-proporzjon ta' kapital totali tiegħu msemmi fl-Artikolu 92(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u r-rekwiżit tiegħu msemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE fil-livell sub-konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni;

(b) it-total ta':

(i) l-ammont ta' telf li jrid jiġi assorbit f'riżoluzzjoni li jikkorrispondi mar-rekwiżit tal-proporzjon ta' ingranaġġ tal-entità ta' riżoluzzjoni msemmi fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 fil-livell sub-konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni; u

(ii) ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermetti lill-grupp ta' riżoluzzjoni li jirriżulta minn riżoluzzjoni biex jirrestawra l-proporzjon ta' ingranaġġ imsemmi fl-Artikolu 92(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fil-livell sub-konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni.

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 45(2), ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45(1) għandu jkun espress f'termini perċentwali bħala l-ammont kalkolat skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu diviż bl-ammont ta' esponiment għar-riskju totali.

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 45(2), ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45(1) għandu jkun espress f'termini perċentwali bħala l-ammont kalkolat skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu diviż bil-miżura ta' esponiment tal-proporzjoni ta' ingranaġġ.

L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tistabbilixxi l-ammonti ta' rikapitalizzazzjoni li ssir referenza għalihom fis-subparagrafi preċedenti skont l-azzjonijiet ta' riżoluzjoni previsti fil-pjan ta' riżoluzzjoni u tista' taġġusta dawk l-ammonti ta' rikapitalizzazzjoni biex ikunu jirriflettu b'mod xieraq ir-riskji li jaffettwaw ir-riżolvibbiltà li toħroġ mill-mudell

ta' negozju, il-profil ta' finanzjament u l-profil ta' riskju globali tal-grupp ta' riżoluzzjoni,

4. Mingħajr preġudizzju għall-aħħar subparagrafu, għal entitajiet li mhumiex huma nfushom entitajiet ta' riżoluzzjoni, l-ammont imsemmi fil-paragrafu 2 ma għandux jaqbeż l-ikbar wieħed minn kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) it-total ta':

(i) l-ammont ta' telf li jrid jiġi assorbit f'riżoluzzjoni li jikkorrispondi mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 92(1)(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE tal-entità, u

(ii) ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermetti lill-entità biex tirrestawra l-proporzjon ta' kapital totali tagħha msemmi fl-Artikolu 92(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u r-rekwiżit tiegħu msemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE;

(b) it-total ta':

(i) l-ammont ta' telf li jrid jiġi assorbit f'riżoluzzjoni li jikkorrispondi mal-proporzjon ta' ingranaġġ tal-entità msemmi fl-Artikolu 92(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u

(ii) ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermetti lill-entità biex tirrestawra l-proporzjon ta' ingranaġġ imsemmi fl-Artikolu 92(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 45(2)(a), ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45(1) għandu jkun espress f'termini perċentwali bħala l-ammont kalkolat skont il-punt (a) diviż bl-ammont ta' esponiment għar-riskju totali.

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 45(2)(b), ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45(1) għandu jkun espress f'termini perċentwali bħala l-ammont kalkolat skont il-punt (b) diviż bil-miżura ta' esponiment tal-proporzjoni ta' ingranaġġ.

L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tistabbilixxi l-ammonti ta' rikapitalizzazzjoni li ssir referenza għalihom fis-subparagrafi preċedenti skont l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni previsti fil-pjan ta' riżoluzzjoni u tista' taġġusta dawk l-ammonti ta' rikapitalizzazzjoni biex ikunu jirriflettu b'mod xieraq ir-riskji li jaffettwaw il-ħtiġijiet ta' rikapitalizzazzjoni li joħorġu mill-mudell ta' negozju, il-profil ta' finanzjament u l-profil ta' riskju globali tal-entità.

5. Fejn l-awtorità ta' riżoluzzjoni tistenna li ċerti klassijiet ta' obbligazzjonijiet eliġibbli jistgħu jiġu esklużi minn rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 44(3) jew jistgħu jiġu trasferiti fl-intier lil benefiċjarju taħt trasferiment parzjali, ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45(1) ma għandux jaqbeż ammont suffiċjenti biex:

(a) ikopri l-ammont ta' obbligazzjonijiet eklużi identifikati skont l-Artikolu 44(3);

(b) jiżgura li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 huma ssodisfati.

6. Id-deċiżjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni li timponi rekwiżit minimu ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli taħt dan l-Artikolu għandu jkun fiha r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni, inkluża valutazzjoni sħiħa tal-elementi msemmija fil-paragrafi 2 sa 5.

7. Għall-finijiet tal-paragrafi 3 u 4, ir-rekwiżiti kapitali għandhom jiġu interpretati f'konformità mal-applikazzjoni tal-awtorità kompetenti ta' dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti fil-Kapitoli 1, 2 u 4 tat-Titolu I tal-Għaxar Parti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li jeżerċitaw l-opzjonijiet mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti b'dak ir-Regolament.

L-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tnaqqas ir-rekwiżit msemmi fl-Artikolu 45(1) biex tqis l-ammont li skema ta' garanzija ta' depożiti hija mistennija li tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni preferuta f'konformità mal-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE.

Id-daqs ta' kull tali tnaqqis għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni kredibbli tal-kontribut potenzjali mill-iskema ta' garanzija tad-depożiti, u mill-inqas:

(a) ikun inqas minn stima prudenti tat-telf potenzjali li l-iskema ta' garanzija tad-depożiti kien ikollha ġġarrab, li kieku l-istituzzjoni ġiet xolta skont proċeduri normali ta' insolvenza, filwaqt li titqies il-klassifikazzjoni tal-prijorità tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 108 tad-Direttiva 2014/59/UE;

(b) ikun inqas mil-limitu fuq kontribuzzjonijiet ta' skema ta' garanzija ta' depożitu stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 109(5) tad-Direttiva 2014/59/UE;

(c) tqis ir-riskju ġenerali li jiġu eżawriti l-mezzi finanzjarji disponibbli tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti minħabba li jikkontribwixxu għal diversi fallimenti bankarji jew riżoluzzjonijiet; u

(d) ikun konsistenti ma' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra fil-liġi nazzjonali u d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-awtorità responsabbli mill-iskema ta' garanzija ta' depożitu.

(e) L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-awtorità responsabbli mill-iskema ta' garanzija ta' depożitu, tiddokumenta l-approċċ tagħha fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju ġenerali li jiġu eżawriti l-mezzi finanzjarji disponibbli tal-iskema ta' garanzija ta' depożitu u tapplika tnaqqis skont is-subparagrafu 1, diment li dak ir-riskju ma jkunx eċċessiv.

8. L-EBA għandha tabbozza standards tekniċi regolatorji li għandhom jispeċifikaw ulterjorment il-kriterji msemmija fil-paragrafu 1 li abbażi tagħhom ir-rekwiżit għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet permissibbli għandu jiġi determinat skont dan l-Artikolu.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards regolatorji lill-Kummissjoni sa [xahar wieħed (1) wara d-dħul fis-seħħ].

Il-Kummissjoni hija delegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1090/2010.

*Artikolu 45d Determinazzjoni tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għal entitajiet ta' G-SIIs*

1. Ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45(1) ta' entità ta' riżoluzzjoni li hija G-SII jew parti minn G-SII għandha tikkonsisti minn dan li ġej:

(a) ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u

(b) kwalunkwe rekwiżit addizzjonali għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli determinati mill-awtorità ta' riżoluzzjoni speċifika għall-entità skont il-paragrafu 2, li għandu jiġi ssodisfat b'obbligazzjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 45b.

2. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' timponi rekwiżit addizzjonali għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 biss:

(a) fil-każ fejn ir-rekwiżit imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 mhuwiex suffiċjenti biex jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 45c; u

(b) sal-punt li l-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli meħtieġa ma jaqbiżx livell li huwa neċessarju biex jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 45c.

3. Fejn aktar minn entità ta' G-SII waħda li tappartjeni għll-istess G-SII tal-UE tkun entità ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rilevanti għandhom jikkalkulaw l-ammont imsemmi fil-paragrafu 2.

(a) għal kull entità ta' riżoluzzjoni,

(b) għall-entità prinċipali tal-Unjoni bħal li kieku kienet l-unika entità ta' riżoluzzjoni tal-G-SII tal-UE.

4. Id-deċiżjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni li timponi rekwiżit addizzjonali ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli taħt il-punt (b) tal-paragrafu 1, għandu jkun fiha r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni, inkluża valutazzjoni sħiħa tal-elementi msemmija fil-paragrafu 2.

*Artikolu 45e Gwida għar-rekwiżit minimu ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli*

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tagħti gwida lil entità li jkollha fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 45b jew 45g(3) 'il fuq mil-livelli stabbiliti fl-Artikolu 45c u l-Artikolu 45d li jipprevedu ammonti addizzjonali għall-finijiet li ġejjin:

(a) biex ikun kopert telf addizzjonali potenzjali tal-entità minbarra dawk koperti fl-Artikolu 45c, u/jew

(b) biex ikun żgurat li, fil-każ ta' riżoluzzjoni, tinżamm fiduċja fis-suq suffiċjenti fl-entità permezz ta' strumenti kapitali minbarra r-rekwiżit fil-punt (b) tal-Artikolu 45c(2) ("bafer tal-fiduċja fis-suq").

Il-gwida għandha tiġi pprovduta u kkalkulata biss fir-rigward tar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45(1) ikkalkulat skont il-punt (a) tal-Artikolu 45(2).

2. L-ammont tal-gwida mogħti skont il-paragrafu 1 jista' jiġi stabbilit biss fejn l-awtorità kompetenti tkun diġà stabbilixxiet il-gwida proprja tagħha skont l-Artikolu 104b tad-Direttiva 2013/36/UE u ma għandux jaqbeż il-livell ta' dik il-gwida.

L-ammont tal-gwida mogħti skont il-punt (b) il-paragrafu 1 ma għandux jaqbeż l-ammont tar-rekwiżit ta' bafer kombinat imsemmi fil-punt (6) tal-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE, ħlief għar-rekwiżit imsemmi fil-punt (a) ta' dik id-dispożizzjoni, diment li livell ogħla ma jkunx neċessarju biex ikun żgurat li, wara l-

każ ta' riżoluzzjoni, l-entità tkompli tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tagħha għal perjodu ta' żmien adatt li mhux itwal minn sena.

L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tipprovdi lill-entità bir-raġunijiet u b'valutazzjoni sħiħa għall-ħtieġa u l-livell tal-gwida mogħtija skont dan l-Artikolu.

3. Fejn entità konsistentement tonqos milli jkollha fondi proprji addizzjonali u obbligazzjonijiet eliġibbli kif mistenni taħt il-gwida msemmija fl-ewwel paragrafu, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tirrikjedi li l-ammont tar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45c(2) jiżdied biex ikopri l-ammont tal-gwida mogħtija skont dan l-Artikolu.

4. Entità li tonqos milli jkollha fondi proprji addizzjonali u obbligazzjonijiet eliġibbli kif mistenni taħt il-gwida msemmija fl-ewwel paragrafu ma għandhiex tkun soġġetta għar-restrizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 141 tad-Direttiva 2013/36/UE.

*Artikolu 45f Applikazzjoni tar-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għal entitajiet ta' riżoluzzjoni*

1. L-entitajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 45c sal-Artikolu 45e fuq bażi konsolidata fil-livell tal-grupp ta' riżoluzzjoni.

2. Ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45(1) ta' entità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp ta' riżoluzzjoni konsolidat għandu jkun determinat skont l-Artikolu 45h, abbażi tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 45c sa 45E u ta' jekk is-sussidjarji ta' pajjiżi terzi tal-grupp għandhom jiġu riżolti b'mod separat skont il-pjan ta' riżoluzzjoni.

*Artikolu 45g Applikazzjoni tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għal entitajiet li mhumiex huma nfushom entitajiet ta' riżoluzzjoni*

1. Istituzzjonijiet li huma sussidjarji ta' entità ta' riżoluzzjoni u mhumiex entitatajiet ta' riżoluzzjoni huma nfushom għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti mniżżla fl-Artikoli 45c sa 45e fuq bażi individwali. Awtorità ta' riżoluzzjoni tista', wara li tkun ikkonsultat mal-awtorità kompetenti, tiddeċiedi li tapplika r-rekwiżit stabbilit f'dan l-Artikolu għal entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) li hija sussidjarja ta' entità ta' riżoluzzjoni u li mhix entità ta' riżoluzzjoni hija nnifisha.

   Ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45(1) ta' entità msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun determinat skont l-Artikolu 45h u abbażi tar-rekwiżiti mniżżla fl-Artikoli 45c sa 45e.

2. Ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45(1) ta' entitajiet imsemmija fl-ewwel paragrafu għandu jkun suġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) l-entità ta' riżoluzzjoni tikkonforma mar-rekwiżit konsolidat imsemmi fl-Artikolu 45f;

   (b) it-total tar-rekwiżiti kollha li għandhom jiġu applikati għas-sussidjarji ta' grupp ta' riżoluzzjoni għandu jkun kopert minn, u ma jaqbiżx, ir-rekwiżit konsolidat imsemmi fl-Artikolu 45f diment li dan ma jkunx dovut biss għall-effetti tal-konsolidazzjoni fil-livell tal-grupp ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 45f(1).

   (c) ir-rekwiżit ma għandux jaqbeż il-kontribuzzjoni tas-sussidjarja għar-rekwiżit konsolidat imsemmi fl-Artikolu 45f(1).

   (d) huwa għandu jirrispetta l-kriterji ta' eliġibbiltà pprovduti fil-paragrafu 3.

3. Ir-rekwiżit għandu jiġi ssodisfat b'wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) obbligazzjonijiet li:

(i) huma maħruġin lil u mixtrija mill-entità ta' riżoluzzjoni;

(ii) jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà msemmija fl-Artikolu 72a, ħlief għall-punt (b) tal-Artikolu 72b(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(iii) qed jikklassifikaw fi proċedimenti ta' insolvenza normali taħt obbligazzjonijiet minbarra dawk eliġibbli għal rekwiżiti ta' fondi proprji li huma maħruġa lil u mixtrija minn entitajiet oħra minbarra l-entità ta' riżoluzzjoni;

(iv) huma soġġetti għas-setgħa ta' valutazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni skont l-Artikoli 59 sa 62 li hija konsistenti mal-istrateġija ta' riżoluzzjoni tal-grupp ta' riżoluzzjoni, b'mod partikolari billi ma jiġix affettwat il-kontroll tas-sussidjarja mill-entità ta' riżoluzzjoni.

(b) Strumenti ta' fondi proprji maħruġa lil u mixtrija minn entitajiet oħra minbarra l-entità ta' riżoluzzjoni meta l-eżerċitar tas-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni skont l-Artikoli 59 sa 62 ma jaffettwax il-kontroll tas-sussidjarja mill-entità ta' riżoluzzjoni.

4. Soġġett għall-ftehim tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarja u l-entità ta' riżoluzzjoni, ir-rekwiżit jista' jiġi ssodisfat b'garanzija tal-entità ta' riżoluzzjoni mogħtija lis-sussidjajra, li tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-garanzija hija prevista għal mill-inqas l-ammont ekwivalenti bħall-ammont tar-rekwiżit li għalih tissostitwixxi;

(b) jingħata bidu għall-garanzija meta s-sussidjarja ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha jew obbligazzjonijiet oħra meta jaslu biex jitħallsu jew tkun saret determinazzjoni skont l-Artikolu 59(3) fir-rigward tas-sussidjarja, skont liema waħda tkun tiġi l-ewwel;

(c) il-garanzija hija kollateralizzata permezz ta' ftehim kollaterali finanzjarju kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2002/47/KE għal mill-inqas 50 fil-mija tal-ammont tagħha;

(d) l-arranġament kollaterali ta' garanzija u dak finanzjarju huma regolati mil-liġijiet tal-Istati Membri fejn is-sussidjarju huwa stabbilit diment li ma jkunx speċifikat mod ieħor mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarja;

(e) il-kollateral li jkun qed jassisti l-garanzija jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 197 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li, wara telf impost konservattiv, huwa suffiċjenti biex ikun kompletament kopert l-ammont garantit;

(f) il-kollateral li jkun qed jappoġġa l-garanzija mhuwiex gravat u b'mod partikolari mhuwiex użat bħala kollateral biex jassisti kwalunkwe garanzija oħra;

(g) il-kollateral għandu maturità effettiva li tissodisfa l-istess kundizzjoni ta' maturità bħal dik imsemmija fl-Artikolu 72c(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u

(h) ma hemm l-ebda ostaklu legali, regolatorju jew operattiv għat-trasferiment tal-kollateral mill-entità ta' riżoluzzjoni għas-sussidjarja rilevanti, inkluż meta azzjoni ta' riżoluzzjoni tittieħed fir-rigward tal-entità ta' riżoluzzjoni.

5. L-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' sussidjarja li mhix entità ta' riżoluzzjoni tista' tirrinunzja kompletament l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għal dik is-sussidjarja meta:

(a) kemm is-sussidjarja kif ukoll entità ta' riżoluzzjoni huma soġġetti għal awtorizzazzjoni u superviżjoni mill-istess Stat Membru;

(b) l-entità ta' riżoluzzjoni tikkonforma fuq bażi sub-konsolidata mar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45f;

(c) ma hemm l-ebda impediment materjali prattiku jew legali attwali jew previst għat-trasferiment minnufih ta' fondi proprji jew ħlas lura ta' obbligazzjonijiet mill-entità ta' riżoluzzjoni lis-sussidjarja fir-rigward ta' liema saret determinazzjoni skont l-Artikolu 59(3), b'mod partikolari meta azzjoni ta' riżoluzzjoni tittieħed fir-rigward tal-entità ta' riżoluzzjoni;

(d) L-entità ta' riżoluzzjoni tissodisfa lill-awtorità kompetenti rigward it-tmexxija prudenti tas-sussidjarja u tkun iddikjarat, bil-kunsens tal-awtorità kompetenti, li hi tiggarantixxi l-impenji li s-sussidjarja tkun daħlet għalihom, jew ir-riskji fis-sussidjarja ma huma tal-ebda sinifikat;

(e) il-proċeduri tal-evalwazzjoni, il-kalkolu u l-kontroll tar-riskju tal-entità ta' riżoluzzjoni jkopru s-sussidjarja;

(f) l-entità ta' riżoluzzjoni għandha aktar minn 50 % tad-drittijiet tal-vot marbuta mal-ishma fil-kapital tas-sussidjarja jew għandha d-dritt li taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp maniġerjali tas-sussidjarja;

(g) l-awtorità kompetenti tas-sussidjarja rrinunzjat kompletament għall-applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' kapital individwali għas-sussidjarja taħt l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

*Artikolu 45h Proċedura għad-determinazzjoni tar-rekwiżit*

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-entità ta' riżoluzzjoni, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-livell tal-grupp, fejn din tkun differenti minn ta' qabel, u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni responsabbli mis-sussidjarji tal-grupp ta' riżoluzzjoni fuq bażi individwali għandhom jagħmlu kollox fis-setgħa tagħhom biex jaslu għal deċiżjoni konġunta dwar:

(a) l-ammont tar-rekwiżit applikat fil-livell konsolidat għal kull riżoluzzjoni ta' entità;

(b) L-ammont tar-rekwiżit applikat għal kull sussidjarja tal-entità ta' riżoluzzjoni fuq livell individwali.

Id-deċiżjoni konġunta għandha tiżgura l-konformità mal-Artikolu 45f u l-Artikolu 45g, tkun kompletament ġustifikata u pprovduta lil:

(a) l-entità ta' riżoluzzjoni mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tagħha;

(b) is-sussidjarji tal-entità ta' riżoluzzjoni mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rispettivi tagħhom;

(c) l-impriża prinċipali tal-Unjoni tal-grupp mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-entità ta' riżoluzzjoni, meta l-impriża prinċipali tal-Unjoni ma tkunx hi nnifisha entità ta' riżoluzzjoni mill-istess grupp ta' riżoluzzjoni.

2. Fejn aktar minn entità G-SII waħda li jkunu jappartjenu għall-istess G-SII tal-UE tkun entità ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiddiskutu u, fejn ikun il-każ u b'mod konsistenti mal-istrateġija ta' riżoluzzjoni tal-G-II, jaqblu fuq l-applikazzjoni tal-Artikolu 72e tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u kwalunkwe aġġustament biex tkun minimizzata jew eliminata d-differenza bejn it-total tal-ammonti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 45d(3) u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal entitatjiet ta' riżoluzzjoni individiwali u s-somma tal-ammonti msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 45d(3) u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Tali aġġustament jista' jiġi applikat taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-aġġustament jista' jiġi applikat fir-rigward tad-differenzi fil-kalkolu tal-ammonti ta' esponiment tar-riskju totali bejn l-Istati Membri rilevanti billi jiġi aġġustat il-livell tar-rekwiżit;

(b) l-aġġustament ma għandux jiġi applikat biex ikunu eliminati d-differenzi li jirriżultaw mill-esponimenti bejn il-gruppi ta' riżoluzzjoni.

It-total tal-ammonti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 45d(3) u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal entitajiet ta' riżoluzzjoni individwali ma għandhiex tkun iktar baxxa mis-somma tal-ammonti msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 45d(3) u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

3. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta fi żmien erba' xhur, għandha tittieħed deċiżjoni skont il-paragrafi 4 sa 6.

4. Fejn deċiżjoni konġunta ma tittiħiedx fi żmien erba' xhur minħabba nuqqas ta' qbil dwar ir-rekwiżit konsolidat, għandha tittieħed deċiżjoni dwar ir-rekwiżit konsolidat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-entità ta' riżoluzzjoni wara li tkun debitament ikkunsidrat:

(a) il-valutazzjoni tas-sussidjarji mwettqa mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rilevanti,

l-opinjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, fejn din tkun differenti mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-entità ta' riżoluzzjoni.

Jekk, fit-tmien il-perjodu ta' erba' xhur, kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni konċernati tkun irreferiet il-kwistjoni lill-EBA skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-entità ta' riżoluzzjoni għandha tiddifferixxi d-deċiżjoni tagħha u tistenna kwalunkwe deċiżjoni li l-EBA tista' tieħu skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament, u għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha skont id-deċiżjoni tal-EBA.

Id-deċiżjoni tal-EBA għandha tqis il-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu.

Il-perjodu ta' erba' xhur għandu jitqies bħala l-perjodu ta' konċiljazzjoni skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. L-EBA għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar.

Il-kwistjoni ma għandhiex tiġi referuta lill-EBA wara t-tmiem tal-perjodu ta' erba' xhur jew wara li tkun intlaħqet deċiżjoni konġunta.

Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-EBA fi żmien xahar, għandha tapplika d-deċiżjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-entità.

5. Fejn deċiżjoni konġunta ma tittiħiedx fi żmien erba' xhur minħabba nuqqas ta' qbil dwar il-livell tar-rekwiżit li għandu jiġi applikat għas-sussidjarji tal-grupp ta' riżoluzzjoni fuq bażi individwali, id-deċiżjoni għandha tittieħed mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rispettivi tas-sussidjarji fejn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin huma ssodisfati:

(a) il-fehmiet u r-riżervi espressi mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-entità ta' riżoluzzjoni ġew debitament meqjusa, u

(b) l-opinjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp ġiet debitament meqjusa fejn dik l-awtorità tkun differenti mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-entità ta' riżoluzzjoni;

(c) il-konformità mal-Artikolu 45g(2) ġiet valutata.

Jekk, fi tmien il-perijodu ta' erba' xhur, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni jew l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp tkun irreferiet il-kwistjoni lill-EBA skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni responsabbli mis-sussidjarji fuq bażi individwali għandhom jiddiferixxu d-deċiżjonijiet tagħhom u jistennew kwalunkwe deċiżjoni li l-EBA tista' tieħu skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament, u għandhom jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom skont id-deċiżjoni tal-EBA. Id-deċiżjoni tal-EBA għandha tqis il-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu.

Il-perjodu ta' erba' xhur għandu jitqies bħala l-perjodu ta' konċiljazzjoni skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. L-EBA għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar.

Il-kwistjoni ma għandhiex tiġi referuta lill-EBA wara t-tmiem tal-perjodu ta' erba' xhur jew wara li tkun intlaħqet deċiżjoni konġunta.

Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-EBA fi żmien xahar, id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarji għandhom japplikaw.

Id-deċiżjoni konġunta u kwalunkwe deċiżjoni mittieħda fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta għandha tiġi analizzata u fejn huwa rilevanti aġġornata fuq bażi regolari.

6. Fejn deċiżjoni konġunta ma tittiħiedx fi żmien erba' xhur minħabba nuqqas ta' qbil dwar il-livell tar-rekwiżit konsolidat u l-livell tar-rekwiżit li għandu jiġi applikat għas-sussidjarji tal-grupp ta' riżoluzzjoni fuq bażi individwali, dan li ġej għandu japplika:

(a) għandha tittieħed deċiżjoni dwar ir-rekwiżit konsolidat skont il-paragrafu 4;

(b) Għandha tittieħed deċiżjoni dwar il-livell tar-rekwiżit li għandu jiġi applikat għas-sussidjarji tal-grupp ta' riżoluzzjoni fuq bażi individwali skont il-paragrafu 4 wara:

(i) li tkun ġiet debitament ikkunsidrata d-deċiżjoni msemmija fil-punt (a);

(ii) li tkun ġiet ivvalutata l-konformità mal-Artikolu 45g(2).

7. Id-deċiżjoni konġunta msemmija fil-paragrafu 1 u kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni msemmija fil-paragrafi 4, 5 u 6 fin-nuqqas ta'

deċiżjoni konġunta għandhom ikunu vinkolanti fuq l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni konċernati.

Id-deċiżjoni konġunta u kwalunkwe deċiżjoni mittieħda fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta għandha tiġi analizzata u fejn huwa rilevanti aġġornata fuq bażi regolari.

8. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, għandhom jirrikjedu u jivverifikaw li l-entitajiet jissodisfaw ir-rekwiżit msemmi fl-Artikolu 45(1), u għandhom jieħdu kwalunkwe deċiżjoni skont dan l-Artikolu b'mod parallel mal-iżvilupp u ż-żamma tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni.

9. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-entità ta' riżoluzzjoni għandha tinforma lill-EBA bir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli li ġew stabbiliti:

(a) fil-livell ta' grupp ta' riżoluzzjoni konsolidat;

(b) fil-livell tas-sussidjarji ta' grupp ta' riżoluzzjoni fuq bażi individwali.

*Artikolu 45i Rappurtar superviżorju u żvelar pubbliku tar-rekwiżit*

1. L-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) għandhom jirrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti u ta' riżoluzzjoni tagħhom fuq dan li ġej mill-inqas fuq bażi annwali:

(a) il-livell ta' punti disponibbli li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 45b jew l-Artikolu 45g(3) u l-ammonti ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli espressi skont l-Artikolu 45(2) wara l-applikazzjoni tat-tnaqqis skont l-Artikoli 72e sa 72j tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) il-kompożizzjoni tal-punti msemmija fil-punt (a), inkluż il-profil ta' maturità tagħhom u l-ikklassifikar fi proċedimenti ta' insolvenza normali.

2. L-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) għandhom irendu l-informazzjoni li ġejja pubblikament disponibbli mill-inqas fuq bażi annwali:

(a) il-livelli ta' punti disponibbli li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 45b jew 45g(3);

(b) il-kompożizzjoni tal-punti msemmija fil-punt (a), inkluż il-profil ta' maturità tagħhom u l-ikklassifikar fi proċedimenti ta' insolvenza normali.

3. L-EBA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi biex ikunu speċifikati formats, mudelli u frekwenza uniformi u mudelli għar-rappurtar superviżorju u l-iżvelar pubbliku msemmi fil-paragrafi (1) u (2) ta' dan l-Artikolu.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-istandards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sa [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ].

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

4. Fid-data meta jkun hemm konformità sħiħa għall-ewwel darba mar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45(1) għandhom japplikaw ir-rekwiżiti ta' żvelar pubbliku.

*Artikolu 45j Rappurtar lill-EBA*

1. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, għandhom jinformaw lill-EBA bir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-

obbligazzjonijiet eliġibbli li ġew stabbilit għal kull istituzzjoni taħt il-ġurisdizzjoni tagħha.

2. L-EBA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi biex jiġu speċifikati formati, mudelli u definizzjonijiet uniformi għall-identifikazzjoni u t-trasmissjoni ta' informazzjoni mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, lill-EBA għall-finijiet tal-paragrafu 1.

L-EBA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sa [Tnax-il (12) xahar wara d-dħul fis-seħħ]...[*].

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 45k Ksur tar-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli*

1. Kwalunkwe ksur tar-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli minn entità għandu jkun indirizzat mill-awtoritajiet rilevanti abbażi ta' mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) setgħat biex jiġu indirizzati jew imneħħija impedimenti għar-riżolvibbiltà skont l-Artikolu 17 u 18;

(b) miżuri msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/KE;

(c) miżuri ta' intervent bikri skont l-Artikolu 27;

(d) penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra skont l-Artikolu 110 u l-Artikolu 111;

2. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u dawk kompetenti għandhom jikkonsultaw ma' xulxin meta jeżerċitaw is-setgħat rispettivi msemmija fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1.

*Artikolu 45l Rapporti*

1. L-EBA għandha, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, tippreżenta rapport lill-Kummissjoni fejn tipprovdi valutazzjonijiet dwar mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) kif ir-rekwiżit għal fondi proprji u obbligazzjonijiet permissibbli ġie implimentat fil-livell nazzjonali, u b'mod partikolari jekk kienx hemm diverġenzi fil-livelli stabbiliti għal entitajiet kumparabbli fl-Istati Membri kollha;

(b) kif is-setgħa li l-istituzzjonijiet ikunu rikjesti jirrispettaw ir-rekwiżit bi strumenti msemmija fl-Artikolu 45b(2) ġiet eżerċitata mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u jekk kienx hemm diverġenzi fl-eżerċizzju ta' dik is-setgħa fl-Istati Membri kollha.

2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jikkunsidra mill-anqas dan li ġej:

(a) l-impatt tar-rekwiżit minimu, u kwalunkwe livell armonizzat propost tar-rekwiżit minimu dwar dan li ġej:

(i) swieq finanzjarji in ġenerali u swieq għal dejn mhux assigurat u derivattivi b'mod partikolari;

---

[*] ĠU jekk jogħġbok daħħal id-data: Tnax-il (12) xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(ii) il-mudelli ta' negozju u l-istrutturi tal-karti tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet, b'mod partikolari l-profil ta' finanzjament u l-istrateġija ta' finanzjament tal-istituzzjonijiet, u l-istruttura legali u operattiva tal-gruppi;

(iii) il-profitabbiltà tal-istituzzjonijiet, b'mod partikolari l-kost tal-finanzjament;

(iv) il-migrazzjoni ta' esposizzjonijiet għal entitajiet li mhumiex soġġetti għal superviżjoni prudenzjali;

(v) innovazzjoni finanzjarja;

(vi) il-prevalenza ta' strumenti ta' rikapitalizzazzjoni interna kuntrattwali, u n-natura u l-kummerċjalizzabbiltà ta' strumenti tali;

(vii) l-imġiba tal-istituzzjonijiet fir-rigward tat-teħid tar-riskji;

(viii) il-livell ta' tfixkil għall-assi ta' istituzzjonijiet;

(ix) l-azzjonijiet meħuda mill-istituzzjonijiet biex jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi, u b'mod partikolari l-punt kemm ir-rekwiżiti minimi ġew issodisfati mid-diżingranaġġ tal-assi, il-ħruġ ta' dejn fil-perjodu fit-tul u ż-żieda tal-kapital; u

(x) il-livell ta' self mill-istituzzjonijiet ta' kreditu, b'enfasi partikolari fuq self lil impriżi mirko, żgħar u medji, awtoritajiet lokali, gvernijiet reġjonali u entitajiet tas-settur pubbliku u dwar l-iffinanzjar tan-negozju, inkluż is-self taħt skemi uffiċjali ta' assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni;

(b) l-interazzjoni tar-rekwiżiti minimi mar-rekwiżiti tal-fondi proprji, proporzjon ta' ingranaġġ u r-rekwiżiti ta' likwidità stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-Direttiva 2013/36/UE;

(c) il-kapaċità tal-istituzzjonijiet li independentement isibu kapital jew finanzjament minn swieq biex jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit minimu armonizzat propost;

3. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkopri sentejn kalendarji u għandu jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni sat-30 ta' Settembru tas-sena kalendarja ta' wara l-aħħar sena kalendarja koperta mir-rapport. "

24. L-Artikolu 55 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 55*
*Rikonoxximent kuntrattwali tar-rikapitalizzazzjoni interna*

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-istituzzjonijiet u l-entitajiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1) jinkludu terminu kuntrattwali li permezz tiegħu l-kreditur jew il-parti għall-ftehim jew l-istrument li joħloq l-obbligazzjoni jirrikonoxxu li l-obbligazzjoni tista' tiġi soġġetta għal setgħat ta' valwazzjoni negattiva u ta' konverżjoni u jaqblu li jkunu marbuta bi kwalunkwe tnaqqis tal-ammont prinċipali jew pendenti dovut, konverżjoni jew kanċellazzjoni li jseħħu bl-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat minn awtorità ta' riżoluzzjoni, diment li dik l-obbligazzjoni tikkonforma mal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-obbligazzjoni mhix eskluża taħt l-Artikolu 44(2);

(b) l-obbligazzjoni mhix depożitu kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 108;

(c) l-obbligazzjoni hija regolata mil-liġi ta' pajjiż terz;

(d) l-obbligazzjoni hija maħruġa jew magħmula wara d-data li fiha Stat Membru japplika d-dispożizzjonijiet adottati għat-traspożizzjoni ta' din it-Taqsima.

2. Ir-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1 jista' ma japplikax fejn l-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' Stat Membru tiddetermina li l-kundizzjonijiet li ġejjin kollha ġew issodisfati:

(a) li l-obbligazzjonijiet jew l-istrumenti msemmija fl-ewwel subparagrafu jistgħu jkunu soġġetti għal setgħat ta' valwazzjoni negattiva u ta' konverżjoni mill-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' Stat Membru skont il-liġi tal-pajjiż terz jew skont ftehim vinkolanti konkluż ma' dak il-pajjiż terz;

(b) li huwa legalment, kuntrattwalment jew ekonomikament imprattikabbli għal istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) li jinkludu tali terminu kuntrattwali f'ċerti obbligazzjonijiet;

(c) li eżenzjoni mir-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1 għal ċerti obbligazzjonijiet ma tfixkilx ir-riżolvibbiltà tal-istituzzjonijiet u l-entitajiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1).

L-obbligazzjonijiet imsemmija fil-punti (b) u (c) ma għandhomx jinkludu strumenti ta' dejn li huma obbligazzjonijiet mhux garantiti, strumenti addizzjonali tal-Livell 1, u strumenti tal-Livell 2. Barra minn hekk, għandhom jiġu qabel l-obbligazzjonijiet inklużi fir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet permissibbli.

L-obbligazzjonijiet li, skont il-punti (b) u (c), ma jinkludux it-terminu kuntrattwali msemmi fil-paragrafu 1 ma għandhomx jiġu inklużi fir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu jeżiġu li l-istituzzjonijiet u l-entitajiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1) jipprovdu lill-awtoritajiet b'opinjoni ġuridika marbuta mal-infurzabbiltà u l-effettività ġuridika tat-terminu kuntrattwali msemmi fil-paragrafu 1.

4. Jekk istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tonqos milli tinkludi fid-dispożizzjonijiet kuntrattwali li jirregolaw obbligazzjoni rilevanti terminu kuntrattwali kif meħtieġ skont il-paragrafu 1, dak in-nuqqas ma għandux jipprevjeni lill-awtorità ta' riżoluzzjoni milli teżerċita s-setgħat ta' valwazzjoni negattiva u ta' konverżjoni fir-rigward ta' dik l-obbligazzjoni.

5. L-EBA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji bil-għan li tiddetermina ulterjorment il-lista ta' obbligazzjonijiet li għalihom tapplika l-esklużjoni tal-paragrafu 1, u l-kontenut tat-terminu kuntrattwali meħtieġ f'dak il-paragrafu, b'kunsiderazzjoni tal-mudelli ta' negozju differenti tal-istituzzjonijiet.

L-EBA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni hija delegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

6. L-EBA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex ikunu speċifikati l-kundizzjonijiet skont liema jkun legalment, kuntrattwalment jew ekonomikament imprattikabbli li istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c)

jew (d) tal-Artikolu 1(1) tinkludi t-terminu kuntrattwali msemmi fil-paragrafu 1 f'ċerti obbligazzjonijiet, u skont liema, eżenzjoni mir-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1 ma tkunx tfixkel ir-riżolvibbiltà ta' dik l-istituzzjoni jew l-entità.

L-EBA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni hija delegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. "

25. Fl-Artikolu 63(1), jiżdied il-punt (n) li ġej:

"(n) is-setgħa li jkunu sospiżi obbligi ta' ħlas jew konsenja li l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-paragrafu 1 tkun parti meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni, wara li tkun ikkonsultat mal-awtorità kompetenti, tiddeċiedi li l-eżerċizzju tas-setgħa ta' sospensjoni huwa neċessarju għall-applikazzjoni effettiva ta' għodda ta' riżoluzzjoni waħda jew aktar jew għall-finijiet tal-valwazzjoni skont l-Artikolu 36.

26. Fl-Artikolu 63(1), il-paragrafi 1a u 1b li ġejjin huma mdaħħla:

"1a. Il-perjodu tas-sospensjoni skont il-paragrafu 1(n) ma għandux jaqbeż il-perjodu minimu ta' żmien li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tqis neċessarju għall-applikazzjoni effettiva ta' għodda ta' riżoluzzjoni waħda jew aktar jew għall-finijiet tal-valwazzjoni skont l-Artikolu 36 u fi kwalunkwe każ ma għandux jaqbeż il-5 ijiem ta' ħidma.

1b. Kwalunkwe sospensjoni skont il-paragrafu 1(n) ma għandhiex tapplika għal:

(a) obbligi ta' ħlas u konsenja dovuti lil sistemi jew operaturi ta' sistemi li ġew maħtura għall-finijiet tad-Direttiva 98/26/KE, kontropartijiet ċentrali u kontropartijiet ċentrali ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti mill-ESMA skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, u lil banek ċentrali;

(b) pretensjonijiet eliġibbli għall-finijiet tad-Direttiva 97/9/KE

(c) depożiti koperti kif definit fl-Artikolu 2(1)(94)."

27. Fit-titoli tal-Artikolu 59 u l-Artikolu 60, "u obbligazzjonijiet eliġibbli" hija miżjuda.

28. Fl-Artikolu 59, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Is-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti jew obbligazzjonijiet eliġibbli tista' tiġi eżerċitata jew:

(a) indipendentement mill-azzjoni ta' riżoluzzjoni; jew

(b) flimkien ma' azzjoni ta' riżoluzzjoni, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni speċifikati fl-Artikoli 32 u 33.

Is-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni ta' obbligazzjonijiet eliġibbli indipendentement minn azzjoni ta' riżoluzzjoni tista' tiġi eżerċitata biss fir-rigward ta' obbligazzjonijiet eliġibbli li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 45g(3)(a), ħlief il-kundizzjonijiet relatati mal-maturità ta' obbligazzjonijiet pendenti.".

29. "Strumenti kapitali" fl-Artikolu 59(2) u (3) hija sostitwita bi "strumenti u obbligazzjonijiet kapitali msemmija fil-paragrafu 1".

30. “Strumenti kapitali” fl-Artikolu 59(4) u (10) hija sostitwita bi “strumenti u obbligazzjonijiet kapitali msemmija fil-paragrafu 1”.

31. Fl-Artikolu 60(1), jiżdied il-punt (d) li ġej:

“(d) l-ammont prinċipali ta’ obbligazzjonijiet eliġibbli msemmija fl-Artikolu 59(1) huwa valwat negattivament jew konvertit fi strumenti tal-Livell 1 ta’ Ekwità Komuni jew it-tnejn, sal-punt meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta’ riżoluzzjoni mniżżla fl-Artikolu 31 jew sal-punt tal-kapaċità tal-obbligazzjonijiet eliġibbli rilevanti, skont liema huwa l-inqas.”.

32. Fl-Artikolu 60, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta l-ammont prinċipali ta’ strument kapitali rilevanti jew obbligazzjoni eliġibbli huma valwati negattivament:

(a) it-tnaqqis ta’ dak l-ammont prinċipali għandu jkun permanenti, soġġett għal kwalunkwe valwazzjoni pożittiva skont il-mekkaniżmu ta’ rimborż taħt l-Artikolu 46(3);

(b) l-ebda obbligazzjoni lejn id-detentur tal-istrument kapitali u obbligazzjoni rilevanti msemmija fl-Artikolu 59(1) ma għandha tibqa' taħt jew marbuta ma’ dak l-ammont tal-istrument, li jkun ġie valwat negattivament, ħlief għal kwalunkwe obbligazzjoni diġà dovuta, u kwalunkwe obbligazzjoni għal danni li jistgħu jinħolqu bħala riżultat ta’ appell li jikkontesta l-legalità tal-eżerċizzju tas-setgħa tal-valwazzjoni negattiva;

(c) ma jitħallas l-ebda kumpens lil kwalunkwe detentur tal-istrumenti u l-obbligazzjonijiet kapitali rilevanti msemmija fl-Artikolu 59(1) ħlief skont il-paragrafu 3.”

33. Fl-Artikolu 60(3), “l-istrumenti kapitali rilevanti” hija sostitwita bi “l-istrumenti u l-obbligazzjonijiet kapitali rilevanti msemmija fl-Artikolu 59(1)”.

34. Fl-Artikolu 69(4), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) obbligi ta’ ħlas u ta’ konsenja dovuti lil sistemi jew operaturi ta’ sistemi maħtura għall-finijiet tad-Direttiva 98/26/KE, kontropartijiet ċentrali, kontropartijiet ċentrali ta’ pajjiżi terzi rikonoxxuti mill-ESMA skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, u lil banek ċentrali;”.

35. Fl-Artikolu 70, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni ma għandhomx jeżerċitaw is-setgħa msemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward ta’ kwalunkwe interess ta’ garanzija ta’ sistemi jew operaturi ta’ sistemi maħtura għall-finijiet tad-Direttiva 98/26/KE, kontropartijiet ċentrali u kontropartijiet ċentrali ta’ pajjiżi terzi rikonoxxuti mill-ESMA skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, u lil banek ċentrali fuq assi mirhuna jew provduti b’marġini jew kollateral mill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni;”.

36. Fl-Artikolu 71, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Kwalunkwe sospensjoni skont il-paragrafu 1 jew 2 ma għandhiex tapplika għal sistemi jew għal operaturi ta’ sistemi maħtura għall-finijiet tad-Direttiva 98/26/KE, kontropartijiet ċentrali u kontropartijiet ċentrali ta’ pajjiżi terzi

rikonoxxuti mill-ESMA skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, jew banek ċentrali.”.

37. Fl-Artikolu 88, “Artikolu 45” huwa sostitwit b’“Artikoli 45 sa 45i”.

38. Fl-Artikolu 88(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Soġġett għall-Artikolu 89 , l-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni fil-livell ta’ grupp għandhom jistabbilixxu kulleġġi ta’ riżoluzzjoni biex iwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikoli 12, 13, 16, 18, 45 sa 45i, 91 u 92, u, fejn ikun il-każ, biex jiżguraw kooperazzjoni u koordinazzjoni ma’ awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni ta’ pajjiżi terzi.”.

39. L-Artikolu 89 huwa sostitwit b’dan li ġej:

*"Artikolu 89*
*Kulleġġi ta’ riżoluzzjoni Ewropej*

1. Fejn istituzzjoni ta’ pajjiż terz jew impriża prinċipali ta’ pajjiż terz ikollha sussidjarji tal-Unjoni jew impriżi prinċipali tal-Unjoni, stabbiliti f’żewġ Stati Membri jew aktar, jew żewġ fergħat jew aktar tal-Unjoni li jkunu meqjusa bħala sinifikanti minn żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni tal-Istati Membri fejn ikunu stabbiliti dawk l-entitajiet jew fejn ikunu jinsabu dawk il-fergħat sinifikanti għandhom jistabblilixxu kulleġġ ta’ riżoluzzjoni Ewropew uniku wieħed.

2. Il-kulleġġ ta’ riżoluzzjoni Ewropew li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1 għandu jwettaq il-funzjonijiet u jwettaq il-kompiti speċifikati fl-Artikolu 88 fir-rigward tal-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 u, safejn dawn il-kompiti jkunu rilevanti, għall-fergħat.

Il-kompiti li għandhom jitwettqu mill-kulleġġ ta’ riżoluzzjoni Ewropew kif imsemmi fil-paragrafu 2 għandhom jinkludu l-istabbiliment tar-rekwiżit imsemmi fl-Artikoli 45 sa 45i.

Fl-istabbiliment tar-rekwiżit imsemmi fl-Artikoli 45 sa 45i, il-membri tal-kulleġġ ta’ riżoluzzjoni Ewropew għandhom iqisu l-istrateġija ta’ riżoluzzjoni globali, jekk ikun hemm, adottata mill-awtoritajiet ta’ pajjiżi terzi.

Fil-każ fejn, skont l-istrateġija ta’ riżoluzzjoni globali, is-sussidjarji tal-Unjoni jew impriża prinċipali tal-Unjoni u l-istituzzjonijiet sussidjarji tagħha mhumiex entitajiet ta’ riżoluzzjoni u l-membri tal-kulleġġ ta’ riżoluzzjoni Ewropew jaqblu ma’ dik l-istrateġija, is-sussidjarji tal-Unjoni jew l-impriża prinċipali tal-Unjoni għandhom jikkonformaw mar-rekwiżit tal-Artikolu 45g(1) dwar bażi konsolidata billi joħorġu strumenti eliġibbli msemmija fl-Artikolu 45g(3) (a) u (b) lill-entità ta’ riżoluzzjoni ta’ pajjiż terz.

3. Fejn impriża prinċipali tal-Unjoni waħda biss ikollha s-sussidjarji tal-Unjoni kollha ta’ istituzzjoni ta’ pajjiż terz jew impriża prinċipali ta’ pajjiż terz, il-kulleġġ ta’ riżoluzzjoni Ewropew għandu jkun presjedut mill-awtorità ta’ riżoluzzjoni tal-Istat Membru fejn l-impriża prinċipali tal-Unjoni tkun stabbilita.

Fejn l-ewwel subparagrafu ma japplikax, l-awtorità ta’ riżoluzzjoni ta’ impriża prinċipali tal-Unjoni jew sussidjarja tal-Unjoni bl-ogħla valur ta’ assi fuq il-karta tal-bilanċ totali miżmuma għandha tippresjedi l-kulleġġ ta’ riżoluzzjoni Ewropew.

4. L-Istati Membri jistgħu, bi qbil reċiproku tal-partijiet rilevanti kollha, jirrinunzjaw ir-rekwiżit li jiġi stabbilit kulleġġ ta’ riżoluzzjoni Ewropew jekk grupp jew kulleġġ

ieħor iwettaq l-istess kompiti speċifikati f'dan l-Artikolu u jikkonforma mal-kundizzjonijiet u l-proċeduri kollha, inkluż dawk li jkopru is-sħubija u l-parteċipazzjoni f'kulleġġi ta' riżoluzzjoni Ewropej, stabbiliti f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 90. F'każ bħal dan ir-referenzi kollha għall-kulleġġi ta' riżoluzzjoni Ewropej f'din id-Direttiva għandhom ukoll jitqiesu bħala referenzi għal dawk il-gruppi jew il-kulleġġi l-oħra.

5. Soġġett għall-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, il-kulleġġ ta' riżoluzzjoni Ewropew għandu altrimenti jiffunzjona skont l-Artikolu 88.

40. L-Artikolu 110 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel sentenza tinbidel b'dan li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jipprevedu u jimponu pieni kriminali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħrajn applikabbli fejn ma kienx hemm konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva jew id-dispożizzjonijiet tar-Regolament [*dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' CCPs*], u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn japplikaw l-obbligi msemmija fl-ewwel paragrafu għal istituzzjonijiet, istituzzjonijiet finanzjarji jew impriżi prinċipali tal-Unjoni fis-sens ta' din id-Direttiva jew għal CCPs, fejn jiġu kklirjati membri ta' CCPs jew impriżi prinċipali fis-sens tar-Regolament [*dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' CCPs*] jew, fil-każ ta' ksur, ikunu jistgħu jiġu applikati penali amministrattivi, soġġett għall-kundizzjonijiet imniżżla fil-liġi nazzjonali, lill-membri tal-bord tat-tmexxija fis-sens ta' din id-Direttiva jew lill-membri tal-bord fis-sens tar-Regolament [*dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' CCPs*], u għal persuni fiżiċi oħra li skont il-liġi nazzjonali huma responsabbli għall-ksur.";

(c) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza tinbidel b'dan li ġej:

"Is-setgħat li jiġu imposti penali amministrattivi previsti f'din id-Direttiva Regolament għandhom jiġu attribwiti lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jew, fejn ikunu differenti, lill-awtoritajiet kompetenti, skont it-tip ta' ksur. ";

41. L-Artikolu 111 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c) jinbidlu b'dan li ġej:

"(a) nuqqas li jitfasslu, jinżammu u jiġu aġġornati pjanijiet ta' rkupru u pjanijiet ta' rkupru ta' grupp, bi ksur tal-Artikolu 5 jew 7 ta' din id-Direttiva jew l-Artikolu 9 tar-Regolament [*dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' CCPs*];

(b) nuqqas ta' notifika lill-awtorità kompetenti bl-intenzjoni li jingħata appoġġ finanzjarju lil grupp bi ksur tal-Artikolu 25 ta' din id-Direttiva;

(c) nuqqas li tkun ipprovduta l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-iżvilupp ta' pjanijiet ta' rkupru bi ksur tal-Artikolu 11 ta' din id-Direttiva jew l-Artikolu 14 tar-Regolament [*dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' CCPs*];

(d) nuqqas mill-bord tat-tmexxija ta' istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ta' din id-Direttiva jew tal-bord ta' CCP

fis-sens tar-Regolament [*dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' CCPs*] li jinnotifika lill-awtorità kompetenti meta l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ta' din id-Direttiva jew is-CCP ikunu qed ifallu, jew x'aktarx ifallu, bi ksur tal-Artikolu 81 ta' din id-Direttiva jew l-Artikolu 68(1) tar-Regolament [*dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' CCPs*].";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(a) dikjarazzjoni pubblika li tindika l-persuna fiżika, istituzzjoni, istituzzjoni finanzjarja, intrapriża prinċipali tal-Unjoni, CCP jew persuna ġuridika oħra responsabbli u n-natura tal-ksur;";

(ii) il-punt (c) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(c) projbizzjoni temporanja kontra kwalunkwe membru tal-korp tat-tmexxija jew tal-maniġment anzjan tal-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ta' din id-Direttiva jew kontra il-bord tas-CCP jew kwalunkwe persuna fiżika oħra, li tinżamm responsabbli, milli jeżerċitaw funzjonijiet f'istituzzjonijiet jew entitajiet msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ta' din id-Direttiva jew f'CCPs; "

42. L-Artikolu 112 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel sentenza tinbidel b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw fuq is-sit web uffiċjali tagħhom tal-inqas kwalunkwe penali amministrattiva li tkun ġiet imposta minnhom għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva jew id-dispożizzjonijiet imniżżla fir-Regolament [*dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' CCPs*] fejn tali penali ma kienux is-suġġett ta' appell jew fejn id-dritt ta' appell jkun ġie eżawrit.";

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) meta l-pubblikazzjoni tkun tikkawża, sa fejn jista' jiġi determinat, dannu sproporzjonat għall-istituzzjonijiet jew l-entitajiet imsemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ta' din id-Direttiva jew lis-CCP jew lil persuni fiżiċi involuti.";

(c) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel sentenza tinbidel b'dan li ġej:

"Sat-3 ta' Lulju 2016, l-EBA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar il-pubblikazzjoni mill-Istati Membri, fuq bażi anonima kif previst taħt il-paragrafu 2, ta' penali għal non-konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva u b'mod partikolari jekk kienx hemm diverġenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri f'dak ir-rigward.";

(ii) is-subparagrafu li ġej jiżdied:

" Sa [...], l-ESMA għandha tippreżenta rapport simili lill-Kummissjoni fir-rigward tal-pubblikazzjoni ta' penali għal non-konformità mad-dispożizzjonijiet imniżżla fir-Regolament [*dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' CCPs*]";

43. L-Artikolu 113 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 113

Żamma ta' bażi ta' data ċentrali mill-EBA u mill-ESMA

1. Soġġett għar-rekwiżiti ta' segretezza professjonali msemmija fl-Artikolu 84, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-EBA bil-penali amministrattivi kollha imposti minnhom taħt l-Artikolu 111 għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva u bl-istatus ta' dak l-appell u l-eżitu tiegħu.

Soġġett għar-rekwiżiti ta' segretezza professjonali msemmija fl-Artikolu 71 tar-Regolament [*dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' CCPs*], l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-ESMA skont il-każ fir-rigward ta' penali amministrattivi imposti għall-ksur ta' dak ir-Regolament.

2. L-EBA u l-ESMA għandhom iżommu bażi ta' data ċentrali ta' penali rappurtati lilhom unikament għall-finijiet tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li għandhom ikunu aċċessibbli għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni biss u għandhom ikunu aġġornati abbażi tal-informazzjoni provduta mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni.

3. L-EBA u l-ESMA għandhom iżommu bażi ta' data ċentrali ta' penali rappurtati lilhom unikament għall-finijiet tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti li għandhom ikun aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti biss u għandhom ikunu aġġornati abbażi tal-informazzjoni provduta mill-awtoritajiet kompetenti.

4. L-EBA u l-ESMA għandhom iżommu paġni web b'links għall-pubblikazzjoni ta' penali ta' kull awtorità ta' riżoluzzjoni u l-pubblikazzjoni ta' penali ta' kull awtorità kompetenti skont l-Artikolu 112 u jindikaw il-perjodu fir-rigward ta' liema kull Stat Membru jippubblika l-penali.".

*Artikolu 2*

*Emenda għad-Direttiva 98/26/KE*

Fl-Artikolu 2, il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) "kontroparti ċentrali" jew "CCP" għandha tfisser CCP kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 648/2012;".

Fl-Artikolu 2, il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(f) "parteċipant" għandha tfisser istituzzjoni, kontroparti ċentrali, aġent ta' regolamentazzjoni, kamra tal-ikklirjar, operatur ta' sistema jew membru tal-ikklirjar ta' CCP awtorizzata skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;".

*Artikolu 3*

*Emendi għad-Direttiva 2002/47/KE*

Id-Direttiva 2002/47/KE hija emendata kif ġej:

Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“6. L-Artikoli 4 sa 7 ta’ din id-Direttiva ma għandhomx japplikaw għal kwalunkwe restrizzjoni fuq l-infurzar ta’ arranġamenti kollaterali finanzjarji jew kwalunkwe restrizzjoni fuq l-effett ta’ arranġament kollaterali finanzjarju ta’ garanzija, kwalunkwe dispożizzjoni ta’ kumpens bi close out jew ta’ tpaċija li hija imposta skont it-Titolu IV, il-Kapitolu V jew VI tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jew tat-Titolu V, il-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru [*dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta’ CCP*] jew għal kwalunkwe restrizzjoni bħal din li hija imposta bis-saħħa ta’ setgħat simili fil-liġi ta’ Stat Membru biex tiffaċilita r-riżoluzzjoni ordinata ta’ kwalunkwe entità msemmija fil-punt (c)(iv) tal-paragrafu 2 li hija soġġetta għal salvagwardji tal-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitolu VII tad-Direttiva 2014/59/UE u fit-Titolu V, il-Kapitolu V tar-Regolament (UE) Nru [*dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta’ CCP*].”

*L-Artikolu 9a jinbidel b'dan li ġej:*

*“Artikolu 9a*

*Id-Direttivi 2008/48/KE, id-Direttiva 2014/59/UE u r-Regolament (UE) Nru [dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta’ CCP]*

Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2008/48/KE, id-Direttiva 2014/59/UE u r-Regolament (UE) Nru [dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta’ CCP].”

*Artikolu 4*

*Emenda għad-Direttiva 2004/25/KE*

Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Artikolu 5(1) ta’ din id-Direttiva ma japplikax fil-każ ta’ użu ta’ għodda, setgħat u mekkaniżmi ta’ riżoluzzjoni previsti fit-Titolu IV tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew fit-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru [*rkupru u riżoluzzjoni ta’ CCP*].

*Artikolu 5*

*Emenda għad-Direttiva 2005/56/KE*

Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li din id-Direttiva ma tapplikax għall-kumpanija jew il-kumpaniji li huma s-suġġett tal-użu ta’ għodda, setgħat u mekkaniżmi ta’ riżoluzzjoni previsti fit-Titolu IV tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew fit-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru [*rkupru u riżoluzzjoni ta’ CCP*]”.

*Artikolu 6*

*Emendi għad-Direttiva 2007/36/KE*

Id-Direttiva 2007/36/UE hija emendata kif ġej:

(a) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li din id-Direttiva ma tapplikax fil-każ tal-użu ta' għodda, setgħat u mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni previsti fit-Titolu IV tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew fit-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru [*rkupru u riżoluzzjoni ta' CCP*]".

(b) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-finijiet tad-Direttiva 2014/59/UE u r-Regolament (UE) Nru [*rkupru u riżoluzzjoni ta' CCP*] il-laqgħa ġenerali tista', b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti validi mitfugħa, toħroġ konvokazzjoni għal laqgħa ġenerali, jew timmodifika l-istatuti biex tippreskrivi li tinħareġ konvokazzjoni għal laqgħa ġenerali, b'avviż iqsar minn kif stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, sabiex tittieħed deċiżjoni dwar żieda fil-kapital, diment li dik il-laqgħa ma sseħħx fi żmien għaxart ijiem ta' kalendarju mill-konvokazzjoni, li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 27 jew 29 tad-Direttiva 2014/59/UE jew tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru [*rkupru u riżoluzzjoni ta' CCP*] jiġu ssodisfati, u li ż-żieda fil-kapital hija meħtieġa sabiex jiġu evitati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 32 u 33 tad-Direttiva 2014/59/UE jew fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru [*rkupru u riżoluzzjoni ta' CCP*]."

*Artikolu 7*

*Emenda għad-Direttiva 2011/35/UE*

Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li din id-Direttiva ma tapplikax għall-kumpanija jew il-kumpaniji li huma s-suġġett tal-użu ta' għodda, setgħat u mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni previsti fit-Titolu IV tad-Direttiva 2014/59/UE, u tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew fit-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru [*rkupru u riżoluzzjoni ta' CCP*]."

*Artikolu 8*

*Emenda għad-Direttiva 2012/30/UE*

Fl-Artikolu 45, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Artikolu 10, l-Artikolu 19(1), l-Artikolu 29(1), (2) u (3), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 31(2), l-Artikoli 33 sa 36 u l-Artikoli 40, 41 u 42 ta' din id-Direttiva ma japplikawx fil-każ tal-użu tal-għodda, is-setgħat u l-mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni previsti fit-Titolu IV tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew fit-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru [*rkupru u riżoluzzjoni ta' CCP*].".

*Artikolu 9*
*Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa [data 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għal konformità ma' din id-Direttiva. Għalhekk għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk il-miżuri.

L-Istati Membri għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn [data - 6 xhur mid-data ta' traspożizzjoni].

2. Meta l-Istati Membri jadottaw il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-EBA t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 10*
*Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikoli 1(1), 1(40), 1(41), 1(42), 1(43), 2, 3, 4, 5, 6, 7 u 8 għandhom jidħlu fis-seħħ fi [data - meta r-Regolament [dwar rkupru u riżoluzzjoni ta' CCP] jidħol fis-seħħ.

*Artikolu 11*
*Destinatarji*

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |